# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
# POIARES MADURO
## ippreżentati fl-20 ta' Frar 2008 [1]

1. "L-ikla tal-banana miż-żewġ naħat", hekk tista' tiġi metaforikament ippreżentata il-kontroversja li tqanqlet bejn il-protagonisti Amerikani u Ewropej ta' dik li hija komunement imsejħa bħala l-"gwerra tal-banana". Din diġà tat lok għal numru kbir ta' episodji kontenzjużi. Din il-kawża, li tqajjem il-problema tal-vittmi kollaterali ta' din il-gwerra, hija biss episodju ieħor. Madankollu, dan ma jfissirx li mhijiex ta' interess legali, anzi. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tagħti deċiżjoni fuq kwistjonijiet ġodda u ta' portata legali konsiderevoli.

2. Il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja toriġina minn żewġ appelli, wieħed imressaq mill-Fabbrica Italiana Accumulatori Motocarri Montecchio SpA u Fabbrica Italiana Accumulatori Motocarri Montecchio Technologies LLC (iktar 'il quddiem, flimkien, "FIAMM") kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-14 ta' Diċembru 2005, FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni [2], u l-ieħor imressaq minn Giorgio Fedon & Figli SpA u Fedon America, Inc. (iktar 'il quddiem, flimkien, "FEDON") kontra s-sentenza tal-imsemmija Qorti tal-Prim'Istanza mogħtija fl-istess jum, Fedon & Figli *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem, is-"sentenzi appellati") [3]. Permezz ta' dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikorsi ta' FIAMM u FEDON intiżi għall-ħlas ta' kumpens għall-ħsara li dawn sofrew minħabba taxxa doganali supplementari imposta mill-Istati Uniti fuq l-importazzjonijiet ta' akkumulaturi stazzjonarji u ta' kaxxi għan-nuċċalijiet provenjenti minn diversi Stati Membri bħala ritaljazzjoni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-Komunità Ewropea tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) (iktar 'il quddiem id-"DSB") kien sab nuqqas ta' kompatibbiltà tas-sistema Komunitarja tal-importazzjoni tal-banana mal-ftehim WTO.

3. L-aggravji invokati mill-appellanti in sostenn ta' dawn l-appelli huma intiżi sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa waħda, tagħti deċiżjoni fuq l-effett li deċiżjoni tad-DSB li ddikjarat in-nuqqas ta' kompatibbiltà tad-dritt Komunitarju mal-Ftehim WTO jista' jkollha fuq il-possibbiltà li jiġu invokati r-regoli tad-WTO u, min-naħa l-oħra, fuq il-prinċipju u l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà assoluta tal-Komunità.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-69/00 (Ġabra p. II-5393, iktar 'il quddiem is-"sentenza FIAMM").

3 — T-135/01 (li mhux ippubblikata fil-Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza FEDON").

## I — Il-kuntest ġuridiku u fattwali

### A — *Il-fatti li wasslu għall-kawża*

4. Din il-kawża saret minħabba kontroversja bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti fir-rigward tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93, tat-13 ta' Frar 1993, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana [4]. Wara lmenti mressqa minn diversi membri tad-WTO, fosthom l-Istati Uniti, id-DSB iddeċieda, fil-25 ta' Settembru 1997, li l-imsemmija sistema ta' kummerċ ma' Stati terzi, sa fejn din kienet tinkludi dispożizzjonijiet preferenzjali favur il-banana li toriġina mill-Istati AKP, ma kinitx kompatibbli mal-Ftehim WTO u rrakkomanda lill-Komunità sabiex tikkonforma ruħha qabel l-iskadenza ta' terminu raġonevoli li kien jiskadi fl-1 ta' Jannar 1999.

5. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet emendaw, b'effett mill-1 ta' Jannar 1999, is-sistema ta' kummerċ tal-banana mal-Istati terzi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1637/98, tal-20 ta' Lulju 1998, kif kompletat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2362/98, tat-28 ta' Ottubru 1998. Peress li qieset li din is-sistema l-ġdida għall-importazzjoni tal-banana xorta kienet tinkludi fiha l-elementi illegali tas-sistema preċedenti, fid-19 ta' April 1999, l-Istati Uniti ngħataw l-awtorizzazzjoni mingħand id-DSB sabiex jimponu dazji doganali fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Komunità sa l-ammont ta' kummerċ annwali ta' USD 191,4 miljun, li jikkorrispondi għal-livell tal-annullament jew tat-tnaqqis ta' vantaġġi li hija subiet. Konsegwentement, l-awtoritajiet Amerikani implimentaw, b'effett mid-19 ta' April 1999, dazju *ad valorem* ta' 100 % fuq l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-Komunità li kienu inklużi f'lista apposta. Fost dawn il-prodotti, kienu inklużi l-akkumulaturi stazzjonarji u l-kaxxi għan-nuċċalijiet li kienu jesportaw rispettivament l-impriżi Taljani FIAMM u FEDON.

6. Wara negozjati li seħħew bejn il-partijiet interessati kollha, il-Komunità adottat modifiki fl-organizzazzjoni komuni l-ġdida tas-suq tal-banana permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 216/2001, tad-29 ta' Jannar 2001. Wara, fil-11 ta' April 2001, il-Komunità ikkonkludiet memorandum ta' ftehim mal-Istati Uniti li jistabbilixxi l-mezzi adatti sabiex tiġi solvuta l-kontroversja ta' bejniethom. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, permezz tar-Regolament (KE) Nru 896/2001, tas-7 ta' Mejju 2001, stabbilixxiet il-metodi għall-applikazzjoni tas-sistema Komunitarja l-ġdida għall-importazzjoni tal-banana introdotta mir-Regolament Nru 216/2001. Għalhekk, l-Istati Uniti issospendew l-applikazzjoni tad-dazju addizzjonali tagħhom b'effett mit-30 ta' Ġunju 2001.

7. Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza rispettivament fit-23 ta' Marzu 2000 u fit-18 ta' Ġunju 2001, FIAMM u FEDON, abbażi tal-Arikoli 235 KE u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE, talbu l-ħlas għad-danni li rriżultaw bħala konsegwenza taż-żieda fid-dazji fuq l-importazzjoni imposti mid-19 ta' April

4 — ĠU L 47, p. 1.

1999 sat-30 ta' Ġunju 2001, mill-awtoritajiet Amerikani fuq il-prodotti tagħhom, skont l-awtorizzazzjoni mogħtija mid-DSB wara l-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' kompatibbiltà mal-Ftehim WTO tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana.

B — *Is-sentenzi appellati*

8. In sostenn tat-talbiet tagħhom għall-ħlas ta' kumpens, l-appellanti f'din il-kawża kienu essenzjalment ibbażaw ruħhom fuq l-aġir illegali tal-organi tal-Komunità. Huma osservaw li l-fatt li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni ma kinux, fit-terminu ta' ħdax-il xahar mogħti mid-DSB, adottaw miżuri sabiex jikkonformaw is-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana mal-obbligi li l-Komunità għandha abbażi tad-diversi Ftehim WTO, meta n-nuqqas ta' kompatibbiltà tal-imsemmija sistema mar-regoli tad-WTO kienet ġiet ikkonstatata mid-DSB, jikkostitwixxi att illegali li huwa kapaċi li jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità. Huma kienu ppreċiżaw li għalkemm il-Ftehim WTO ma kellhomx jitqiesu bħala li joħolqu effett dirett, ħaġa li tostakola l-prova ta' din l-illegalità, tali karattru għandu jiġi rrikonoxxut lid-deċiżjoni tad-DSB li kkundannat lill-Komunità.

9. B'risposta għal dan l-argument, il-Qorti tal-Prim'Istanza bdiet billi tosserva li l-evalwazzjoni tal-legalità tal-aġir tal-Istituzzjonijiet Komunitarji tippreżupponi bħala solvuta l-kwistjoni dwar jekk ir-regoli tad-WTO jistgħux ikunu invokati, jiġifieri l-kwistjoni ta' jekk "il-Ftehim WTO jagħtix lill-individwi suġġetti għad-dritt Komunitarju d-dritt li jinvokawhom fil-qorti biex jikkontestaw il-validità ta' leġiżlazzjoni Komunitarja f'sitwazzjoni fejn id-DSB ikun iddikjara li kemm din il-leġiżlazzjoni kif ukoll il-leġiżlazzjoni adottatta sussegwentement mill-Komunità, b'mod partikolari bil-għan li tikkonforma ruħha mar-regoli tad-WTO konċernati, kienu inkompatibbli ma' dawn l-istess regoli" [5]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret il-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li l-Ftehim WTO mhumiex inklużi, bħala prinċipju, minħabba n-natura u l-istruttura tagħhom, fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom il-Qorti Komunitarja tistħarreġ il-legalità tal-azzjoni tal-istituzzjonijiet Komunitarji u minn dan ikkonkludiet li l-eventwali ksur tar-regoli tad-WTO mhuwiex, bħala prinċipju, ta' natura tali li jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità. Dan it-tip ta' aġir illegali jista' biss jiġi attribwit lill-istituzzjonijiet appellati f'żewġ każijiet. Iżda dawn ma japplikawx f'dan il-każ: minkejja li kien hemm konstatazzjoni ta' nuqqas ta' kompatibbiltà min-naħa tad-DSB, ir-regoli tad-WTO ma jikkostitwixxux regoli li fid-dawl tagħhom tista' tiġi evalwata l-legalità tal-aġir tal-istituzzjonijiet, la minħabba xi obbligi partikolari li l-Komunità kellha l-intenzjoni li teżegwixxi u lanqas minħabba rinviju espliċitu għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-Ftehim WTO.

10. Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-Komunità ma kellhiex l-intenzjoni li teżegwixxi xi obbligu partikolari li assumiet fil-kuntest tad-WTO [6] meta, wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tad-DSB tal-25 ta' Settembru 1997, impenjat ruħa sabiex tikkonforma ruħa mar-regoli tad-WTO. Dan huwa hekk għaliex, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, mill-mekkaniżmu

5 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Fiamm (punt 108), u Fedon (punt 101).

6 — Skont il-ġurisprudenza Nakajima vs Il-Kunsill (sentenza tas-7 ta' Mejju 1991, C-69/89, Ġabra p. I-2069).

ta' soluzzjoni ta' kontroversji (iktar 'il quddiem id-"DSU") ma jirriżultax li membru tad-WTO għandu obbligu partikolari li jikkonforma ruħu, f'terminu ddeterminat, mad-deċiżjoni tad-DSB. Għalkemm id-DSU jagħti lill-membru tad-WTO implikat diversi metodi ta' implimentazzjoni ta' deċiżjoni tad-DSB li tikkonstata nuqqas ta' kompatibbiltà ta' miżura mar-regoli tad-WTO, f'kull każ huwa jirriżerva post importanti għan-negozjati bejn il-membri tad-WTO li bejniethom ikun hemm kontroversja, anki wara li jiskadi t-terminu mogħti sabiex il-miżura ddikjarata bħala mhux kompatibbli ssir konformi mar-regoli tad-WTO. Minn dan jirriżulta li stħarriġ min-naħa tal-Qorti Komunitarja tal-legalità tal-aġir tal-istituzzjonijiet appellati fid-dawl tar-regoli tad-WTO jkollu l-effett li jdgħajjef il-pożizzjoni tal-organi leġiżlattivi u eżekuttivi Komunitarji fit-tfittxija ta' soluzzjoni tal-kontroversja permezz ta' negozjati; barra minn hekk jekk din tiġi obbligata teskludi l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji, fil-każ li jiġi pprovat nuqqas ta' kompatibbiltà, l-imsemmija organi jiġu mċaħħda mill-possibbiltà ta' soluzzjoni nnegozjata. Barra minn hekk, tosserva l-Qorti tal-Prim'Istanza, permezz tal-modifiki suċċessivi tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-fatt ma kellhomx l-intenzjoni li jeżegwixxu xi obbligu partikolari li jirriżulta mir-regoli tad-WTO u li fir-rigward ta' liema d-DSB kien ikkonstata nuqqas ta' kompatibbiltà mas-sistema msemmija; huma ppruvaw jgħaqqdu flimkien ir-rispett kemm tal-impenji meħuda fil-kuntest tad-WTO kif ukoll dawk meħuda fil-konfront ta' firmatarji oħra tar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé, iżda wkoll is-salvagwardja tal-għanijiet tal-Organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS) fis-settur tal-banana (iktar 'il quddiem l-"OKS tal-banana"). Fl-aħħar nett, kienet soluzzjoni nnegozjata mal-Istati Uniti li temmet il-kontroversja.

11. Fit-tieni lok, fl-ebda waħda mill-modifiki suċċessivi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja li tirrigwarda s-sistema għall-importazzjoni tal-banana ma hemm referenza espliċita għal dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Ftehim WTO, u għalhekk ma tistax titqies bħala li tirreferi espliċitament għalih u, għaldaqstant, bħala li tagħti lill-individwi d-dritt li jinvokawh [7].

12. Minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkonkludi li l-appellanti fil-każ preżenti ma jistgħux jallegaw, għall-finijiet tat-talba tagħhom għall-ħlas ta' kumpens, li l-aġir allegat fil-konfront tal-Kunsill u tal-Kummissjoni imur kontra r-regoli tad-WTO. Peress li l-illegalità tal-aġir imsemmi ma tistax tiġi stabbilita, waħda mit-tliet kundizzjonijiet meħtieġa għall-attribuzzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità minħabba aġir illegali tal-organi tagħha hija nieqsa.

13. Sussidjarjament, l-appellanti fil-kawża preżenti kienu sostnew li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attribuzzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità għaddanni kkaġunati mill-aġir, anki mhux illegali, tal-organi tagħha kienu, f'kull każ, jeżistu kollha, jiġifieri r-realtà tal-ħsara sofruta, ness ta' kawżalità bejn il-ħsara u l-aġir tal-istituzzjonijiet u n-natura mhux komuni u speċjali ta' din il-ħsara. Il-Qorti tal-Prim'Istanza taqbel li, "meta […] l-illegalità tal-aġir allegat fil-konfront tal-istituzzjonijiet Komunitarji ma tkunx stabbilita, ma jfissirx b'daqshekk li l-[impriżi] li, bħala kategorija ta' operaturi ekonomiċi, ikollhom ibatu parti sproporzjonata tal-piżijiet li jirriżultaw minn restrizzjoni tal-aċċess għal swieq ta' esportazzjoni, ma jkunu jistgħu fl-ebda każ jiksbu kumpens abbażi tar-responsabbiltà mhux

7 — Skont il-ġurisprudenza Fediol vs Il-Kummissjoni (sentenza tat-22 ta' Ġunju 1989, 70/87, Ġabra p. 1781).

kuntrattwali tal-Komunità" [8]. Hija tirrikonoxxi, bħala prinċipju ġenerali komuni għad-dritt tal-Istati Membri, l-eżistenza ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità anki fin-nuqqas ta' aġir illegali min-naħa tal-organi tagħha, fejn l-attribuzzjoni tagħha huwa suġġett għall-eżistenza tal-kundizzjonijiet imsemmija mill-appellanti fil-kawża preżenti għaliex, hija tosserva, "id-drittijiet nazzjonali dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali jippermettu, għalkemm f'livelli differenti, f'oqsma speċifiċi u skont metodi differenti, li individwi jiksbu, permezz ta' proċeduri legali, kumpens għal ċerti danni, anki fin-nuqqas ta' azzjoni illegali min-naħa ta' min ikun ikkawża d-dannu" [9].

14. Wara li vverifikat li f'dik il-kawża l-kundizzjonijiet kienu sodisfatti, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset bħala pprovat il-karattru reali u ċert tal-ħsara allegata mill-appellanti fil-kawża preżenti. Hija osservat ukoll l-eżistenza ta' ness suffiċjentement dirett ta' kawża u effett bejn l-aġir tal-istituzzjonijiet Komunitarji u d-dannu. Tabilħaqq, l-Istati Uniti ġew sempliċement awtorizzati mid-DSB sabiex jadottaw miżuri ta' ritaljazzjoni u kemm il-lista tal-prodotti milquta kif ukoll l-iffissar tar-rata miżjuda tad-dazji fuq l-importazzjoni kienu fiddiskrezzjoni tagħhom. Għalhekk, mingħajr il-konstatazzjoni minn qabel min-naħa tad-DSB tan-nuqqas ta' kompatibbiltà tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana mar-regoli tad-WTO, l-Istati Uniti ma kinux ikunu jistgħu la jitolbu u lanqas jingħataw tali awtorizzazzjoni mid-DSB. Fil-fatt, huwa abbażi tal-ammont ta' ħsara sostnuta mill-ekonomija Amerikana minħabba ż-żamma fis-seħħ tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana meqjusa bħala mhux kompatibbli mar-regoli tad-WTO li d-DSB iddetermina l-ammont ta' skambji kummerċjali li kien jirrappreżenta l-limitu li fuqu l-amministrazzjoni Amerikana kienet awtorizzata tissospendi l-konċessjonijiet tariffarji firrigward tal-Komunità. Isegwi li l-aġir tal-istituzzjonijiet appellati neċessarjament wassal għall-adozzjoni tal-miżura ta' ritaljazzjoni mill-amministrazzjoni Amerikana firrigward tal-proċeduri li saru mid-DSU u li ġew aċċettati mill-Komunità. Għalhekk, dan l-aġir għandu jitqies bħala l-kawża determinanti tal-ħsara sofruta mill-appellanti fil-kawża preżenti minħabba l-implimentazzjoni tar-rata miżjuda ta' dazju Amerikana.

15. L-appellanti kellhom jipprovaw in-nuqqas ta' normalità u n-natura speċjali tal-ħsara li huma kienu sofrew. Għal dan il-għan, huma allegaw li kienu vittmi ta' diskriminazzjoni fil-konfront ta' impriżi Ewropej oħra li jesportaw, li l-prodotti tagħhom ma kinux inklużi fil-lista ppreparata mill-awtoritajiet Amerikani, filwaqt li FIAMM allegat li kienet ukoll vittma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-impriżi l-oħra affettwati mir-rata miżjuda ta' dazju, peress li waħedha hija ħallset 6 % tal-ammont totali tal-miżuri ta' ritaljazzjoni. L-interess li jiġu rrispettati r-regoli tal-OKS tal-banana ma setgħax jitqies bħala għan ta' interess ġenerali ta' importanza ta' natura tali li tiġġustifika konsegwenzi negattivi bħal dawn. Fl-aħħar nett, huma qalu wkoll li l-eventwalità ta' rati miżjuda ta' dazju introdotti minn Stati terzi minħabba kontroversja li qamet f'settur totalment differenti mill-qasam tal-attività tagħhom ma tistax titqies bħala riskju normali għal operatur. Iżda l-Qorti tal-Prim'Istanza tirrifjuta li tirrikonoxxi n-natura mhux normali tal-ħsara sofruta mill-appellanti fil-kawża preżenti, għaliex dan ma qabiżx il-limiti tar-riskji ekonomiċi li jiffurmaw parti mill-attività ta' esportazzjoni tagħhom. Fil-fatt, is-sospensjoni tal-konċessjonijjiet tariffarji, li hija miżura

8 — Sentenzi Fiamm (punt 157), u Fedon (punt 150).

9 — Sentenzi Fiamm (punt 159), u Fedon (punt 152).

prevista mill-Ftehim WTO, ma tistax titqies bħala insolita għaċ-ċirkostanzi normali tal-kummerċ internazzjonali fl-istat attwali tal-organizzazzjoni tiegħu. Għalhekk, din il-possibbiltà għandha neċessarjament tiġi sofruta minn kull operatur li jiddeċiedi li jikkummerċalizza l-produzzjoni tiegħu fis-suq ta' wieħed mill-membri tad-WTO. Għaldaqstant, kull dritt għal kumpens abbażi ta' responsabbiltà assoluta għandu jiġi eskluż f'dan il-każ.

## II — L-evalwazzjoni tal-appelli

16. Huwa kontra dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, is-sentenza FIAMM u s-sentenza FEDON, mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2005, li FIAMM u FEDON rispettivament ippreżentaw appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. In sostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jressqu aggravji identiċi. Qabel kollox, huma jallegaw nuqqas ta' motivazzjoni ibbażat fuq il-fatt li s-sentenzi appellati ma jagħtux risposta għal wieħed mill-argumenti prinċipali tagħhom fir-rigward tal-invokabbiltà tad-deċiżjoni mogħtija mid-DSB sabiex tiġi stabbilita l-illegalità tal-aġir adottat mill-Komunità, għall-finijiet tal-proċedura għall-kumpens. Huma jinvokaw ukoll żball ta' liġi li jivvizzja r-raġunament adottat mill-Qorti tal-Prim'Istanza meta ddeċidiet li l-karattru anormali tal-ħsara huwa nieqes. Fl-aħħar nett, huma jitolbu kumpens ekwu għat-tul ta' żmien mhux raġonevoli li ħadet il-proċedura fl-ewwel istanza. Barra minn hekk, għandu jingħad li l-Kunsill u r-Renju ta' Spanja, li jitolbu li l-appelli prinċipali jiġu miċħuda, ukoll ippreżentaw appelli inċidentali permezz ta' liema huma jitolbu l-annullament tas-sentenzi appellati, għar-raġunijiet li l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta sabet l-eżistenza ta' responsabbiltà tal-Komunità għal aġir li kien legali, meta qieset li din setgħet tapplika f'każ ta' ommissjoni fl-eżerċizzju ta' setgħat leġiżlattiv ta' natura diskrezzjonali u meta rrikonoxxiet kawżalità diretta bejn l-aġir tal-istituzzjonijiet u d-dannu.

17. Qabel kollox, l-evalwazzjoni tal-fondatezza ta' dawn id-diversi argumenti twassalni sabiex nirriċerka jekk, u taħt liema kundizzjonijiet, deċiżjoni tad-DSB li tikkonstata n-nuqqas ta' kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Komunitarja mal-liġi tad-WTO tista' tiġi invokata fil-kuntest ta' azzjoni dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità ibbażata fuq l-illegalità tal-aġir tal-istituzzjonijiet tagħha. Wara twassalni biex nanalizza l-prinċipju u l-kundizzjonijiet ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità. Fl-aħħar nett, twassalni sabiex nevalwa l-karattru raġonevoli tat-tul ta' żmien tal-proċedura inkwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

### A — *L-invokabbiltà ta' deċiżjoni tad-DSB in sostenn ta' kawża għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità minħabba nuqqas*

18. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, iż-żewġ appellanti jinvokaw b'mod formali n-nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenzi appellati, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma tat l-ebda risposta għall-argumenti tagħhom li jgħidu li deċiżjoni tad-DSB li tikkundanna lill-Komunità tikkostitwixxi eċċezzjoni differenti minn dawk invokati fil-każijiet Nakajima u Fediol għan-non-invokabbiltà, bħala prinċipju, tal-Ftehim WTO, li tippermetti lill-individwi li jinvokawha sabiex jistabbilixxu l-illegalità tal-aġir tal-Komunità

għall-finijiet tar-rikonoxximent tar-responsabbiltà tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza illimitat ruħha sabiex tivverifika l-applikabbiltà għall-kawża preżenti taż-żewġ eċċezzjonijiet fin-nuqqas ta' effett dirett tal-Ftehim WTO kif kien irriżulta mis-sentenzi Fediol u Nakajima.

19. Dan l-aggravju jista' faċilment jiġi miċħud, minħabba li mhux biss din it-teżi ma kinitx tikkostitwixxi l-bażi tal-argumenti tagħhom dwar l-illegalità tal-aġir tal-Komunità iżda talli din ġiet invokata biss b'mod inċidentali ħafna quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, f'nota ta' qiegħ il-paġna tal-osservazzjonijiet tar-rikors ta' FEDON u fi tnejn biss mill-177 punt li jiffurmaw ir-rikors ta' FIAMM. Issa, "l-obbligu tal-Qorti tal-Prim'Istanza li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha ma jistax jiġi interpretat bħala li jimplika li għandha l-obbligu li tirrispondi fid-dettall għal kull argument invokat minn parti fil-kawża" [10] [traduzzjoni mhux uffiċjali], u lanqas ma għandha "tipprovdi preżentazzjoni li ssegwi għal kollox u wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha sostnuti mill-partijiet fil-kawża" [11]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet b'mod impliċitu t-teżi tal-appellanti, peress li din evalwat l-eventwali effett ta' deċiżjoni tad-DSB biss fir-rigward tal-applikabbiltà taż-żewġ eċċezzjonijiet tradizzjonali fin-nuqqas ta' effett dirett tar-regoli tad-WTO [12].

20. Iżda fir-realtà, taħt l-impressjoni ta' vizzju formali ta' motivazzjoni insuffiċjenti, l-appellanti jikkontestaw il-fondatezza stess ta' dan ir-raġunament tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li jgħid li l-inċidenza ta' deċiżjoni ta' kundanna min-naħa tad-DSB tista' tiġi eżaminata u evalwata biss fil-kuntest tal-istħarriġ tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni taż-żewġ eċċezzjonijiet tradizzjonali għall-prinċipju ta' non-invokabbilità tal-liġi tad-WTO. Skont l-appellanti, minbarra l-eċċezzjonijiet li rriżultaw mis-soluzzjonijiet fil-kawżi Fediol u Nakajima, deċiżjoni tad-DSB li tkun ikkonstatat in-nuqqas ta' kompatibbiltà tad-dritt Komunitarju mar-regoli tad-WTO għandha tkun tista' tiġi invokata sabiex tiġi stabbilita l-illegalità tal-aġir tal-Komunità fis-segwenti ċirkustanzi kumulattivi: l-illegalità tkun tikkonsisti fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-Komunità tal-imsemmija deċiżjoni tad-DSB fit-terminu raġonevoli mogħti lilha sabiex tikkonforma ruħha; għandha tiġi invokata fil-kuntest ta' kawża għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali; dan ir-rikors għall-ħlas ta' kumpens għandu jkun intiż sabiex jinkiseb kumpens għall-ħsara sofruta minħabba l-adozzjoni, min-naħa tal-imsieħba kummerċjali tal-Komunità, ta' miżuri ta' ritaljazzjoni awtorizzati mid-DSB wara l-imsemmi nuqqas ta' eżekuzzjoni.

21. Sabiex nevalwa r-rilevanza tal-argumenti tal-appellanti fuq dan il-punt, jidhirli li huwa indispensabbli li mmur lura għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-invokabbiltà ta' ftehim internazzjonali b'mod ġenerali u tal-liġi tad-WTO b'mod partikolari. Huwa biss jekk tiġi mfakkra l-portata tagħha, u tal-aggravji sottostanti tagħha, li jkun jista' jiġi stabbilit jekk ikunx jaqbel li tiġi applikata billi tiġi miċħuda lill-appellanti, għall-finijiet tar-rikors għall-ħlas ta' kumpens u fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-kawża inkwistjoni, il-possibbiltà li jinvokaw d-deċiżjoni tad-DSB li tikkundanna lill-Komunità.

10 — Sentenzi tal-11 ta' Settembru 2003, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-197/99 P, Ġabra p. I-8461, punt 81), u tal-11 ta' Jannar 2007, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni (C-404/04 P, Ġabra p. I-1, punt 90).

11 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123).

12 — Ara s-sentenzi Fedon (punt 108), u Fiamm (punt 113).

1. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-invokabbiltà ta' ftehim internazzjonali.

22. Il-ġurisprudenza Komunitarja dwar il-portata kontenzjuża tal-liġi tad-WTO kienet u għadha kkritikata ħafna. Fil-fehma tiegħi l-kontestazzjoni hija riżultat, almenu parzjalment, tal-fatt li ħafna drabi din ma tinftiehemx tajjeb. Jista' jkun li s-soluzzjonijiet segwenti jippermettu li jiġu mxejna wħud minn dawn il-malintiżi.

23. L-imsemmija soluzzjonijiet huma sempliċement l-applikazzjoni għall-każ partikolari tal-Ftehim WTO tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-invokabbiltà fis-sistema legali Komunitarja tal-ftehim internazzjonali b'mod ġenerali. Qabel kollox għandu jiġi mfakkar li l-ftehim regolarment konkluż mill-Komunità ma' Stati terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali "jorbtu lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri", skont il-kliem stess tal-Artikolu 300(7) KE. Din il-formula fl-istess ħin tikkostitwixxi konstatazzjoni tan-natura obbligatorja tal-ftehim fid-dawl tad-dritt internazzjonali u d-dikjarazzjoni tan-natura vinkolanti ta' dawn il-ftehim fid-dritt Komunitarju. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet b'mod loġiku li d-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim [13], l-istess bħal dawk ta' att unilaterali adottat mill-organi stabbiliti permezz ta' ftehim estern li jorbot lill-Komunitajiet [14] "jiffurmaw parti integrali, b'effett mid-dħul fis-seħħ tiegħu, mill-ordinament legali Komunitarju". Fi kliem ieħor, il-ftehim estern adottat b'mod konformi mad-dritt Komunitarju [15], u li għalhekk jorbot lill-Komunitajiet, jikkostitwixxi sors tad-dritt Komunitarju. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonkludiet espliċitament il-primarjetà ta' ftehim estern fuq l-atti tad-dritt derivat [16] u bħala prinċipju rrikonoxxiet il-kompetenza tagħha sabiex tisma' kwistjonijiet dwar il-validità ta' att Komunitarju fid-dawl ta' ftehim estern li jorbot lill-Komunitajiet [17].

24. Għaldaqstant, il-ġurisprudenza stabbilita li tirrigwarda l-liġi tad-WTO, li tgħid li "il-ftehim WTO ma [jidhirx], bħala prinċipju, fost ir-regoli li l-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza biex tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-Istituzzjonijiet Komunitarji" [18], tista' tidher bħala kontradittorja. Fil-fatt, kif jista' ftehim internazzjonali jkun regola tas-sistema legali Komunitarja filwaqt li fl-istess ħin ma jkunx parametru li jista' jintuża għall-istħarriġ tal-legalità tal-atti Komunitarji?

13 — Ara s-sentenzi tat-30 ta' April 1974, Haegeman (181/73, Ġabra p. 449, punt 5); tat-30 ta' Settembru 1987, Demirel (12/86, Ġabra p. 3719, punt 7); l-Opinjoni 1/91, tal-14 ta' Diċembru 1991 (Ġabra p. I-6079, punt 37), u s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 1998, Racke (C-162/96, Ġabra p. I-3655, punt 41). Għall-Ftehim WTO, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, International Air Transport Association *et* (C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 36); tat-30 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-459/03, Ġabra p. I-4635, punt 82), u tal-11 ta' Settembru 2007, Merck Genéricos Produtos Farmacêuticos (C-431/05, Ġabra p. I-7001, punt 31).

14 — Ara s-sentenzi tal-14 ta' Novembru 1989, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (30/88, Ġabra p. 3711, punt 13); tal-20 ta' Settembru 1990, Sevince (C-192/89, Ġabra p. I-3461, punt 9), u tal-21 ta' Jannar 1993, Deutsche Shell (C-188/91, Ġabra p. I-363, punt 17).

15 — Għal tfakkir ta' din il-kundizzjoni, ara l-konklużjonijiet tiegħi tas-16 ta' Jannar 2008 fil-kawża Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P, li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, punt 23).

16 — Ara wkoll reċentement, is-sentenza tal-1 ta' April 2004, Bellio F.lli (C-286/02, Ġabra p. I-3465, punt 33). Fir-rigward tal-Ftehim tal-GATT jew tad-WTO, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-61/94, Ġabra p. I-3989, punt 52), u s-sentenza International Air Transport Association *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35).

17 — Ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1972, International Fruit Company *et* (21/72 sa 24/72, Ġabra p. 1219, punti 6 u 7).

18 — Sentenzi tat-23 ta' Novembru 1999, Il-Portugall vs Il-Kunsill (C-149/96, Ġabra p. I-8395, punt 47); tad-9 ta' Jannar 2003, Petrotub u Republica (C-76/00 P, Ġabra p. I-79, punt 53); tat-30 ta' Settembru 2003, Biret International vs Il-Kunsill (C-93/02 P, Ġabra p. I-10497, punt 52); tal-1 ta' Marzu 2005, Van Parys (C-377/02, Ġabra p. I-1465, punt 39), u tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, Ġabra p. I-7723, punt 29); kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' Marzu 2001, Cordis vs Il-Kummissjoni (T-18/99, Ġabra p. II-913, punt 50), u tat-3 ta' Frar 2005, Chiquita Brands *et* vs Il-Kummissjoni (T-19/01, Ġabra p. II-315, punt 114).

a) Il-kundizzjoni meħtieġa għall-invokabbiltà tal-ftehim internazzjonali

25. Iżda sabiex isservi bħala regola ta' referenza fid-dawl ta' liema għandha tiġi evalwata l-legalità ta' att Komunitarju u, b'mod iktar ġenerali, sabiex l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' trattat ikunu jistgħu jiġu validament invokati quddiem il-qorti, hemm ukoll il-bżonn li l-ftehim internazzjonali jkun suġġett għal applikazzjoni ġudizzjarja. Fi kliem ieħor hemm bżonn li dan ikun jista' jiġi invokat quddiem qorti, jiġifieri "li jkun ta' natura tali li jagħti lill-individwi fil-Komunità d-dritt li jinvokawh quddiem qorti" [19] [traduzzjoni mhux uffiċjali], jiġifieri, jkollu "effett dirett" [20].

26. Din il-kundizzjoni ta' effett dirett, setgħet titqies bħala relatata, u limitata, mal-proċedura preliminari għall-evalwazzjoni tal-validità fil-kuntest ta' liema din kienet saret inizjalment. Fis-sentenza International Fruit Company *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet espliċitament iddikjarat il-kundizzjoni tal-applikabbiltà tal-effett dirett bħala meħtieġa "fil-każ fejn l-invalidità tiġi invokata quddiem il-qorti nazzjonali" [21]. Madankollu, għalkemm din id-dikjarazzjoni kkontribwiet għal konfużjoni bejn il-kwistjonijiet tal-invokabbiltà tal-ftehim internazzjonali u tal-effett dirett tad-dritt Komunitarju [22], mingħajr dubju hija tispjega xi wħud mill-malintiżi. Għalhekk, iż-żewġ kunċetti ta' effett dirett tal-ftehim internazzjonali u ta' effett dirett tad-dritt Komunitarju huma differenti.

i) Il-kunċett ta' effett dirett ta' ftehim internazzjonali

27. Iż-żewġ kunċetti ta' effett dirett tal-ftehim internazzjonali u ta' effett dirett tad-dritt Komunitarju jiġu evalwati b'mod differenti. Mill-għan u mill-istruttura tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità jirriżulta li d-dritt Komunitarju kollu huwa kapaċi li joħloq effett dirett, liema kapaċità tkun ikkonfermata meta l-liġi Komunitarja inkwistjoni tkun ċara, preċiża u mingħajr kundizzjoni [23]. Iżda ma jirriżulta xejn min dan fir-rigward ta' ftehim internazzjonali li jorbot lill-Komunitajiet. Dawn jistgħu jingħataw effett dirett mill-partijiet firmatarji tal-ftehim li jkunu ftehmu b'dan il-mod, hekk kif jistgħu jiftehmu bil-kontra. Fil-fatt, "b'mod konformi mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-istituzzjonijiet Komunitarji, li huma kompetenti sabiex jinnegozjaw u jilħqu ftehim ma' pajjiżi terzi, jistgħu liberament jiftehmu ma' dawn fuq l-effetti li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim għandhom joħolqu fis-sistema legali interna tal-partijiet kontraenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [24]. Jekk il-ftehim ma jirregolax din il-kwistjoni b'mod espliċitu, hija l-qorti ta' kull wieħed mill-partijiet kontraenti

19 — Sentenza International Fruit Company *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 7); ara wkoll, fl-istess sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2000, Dior *et* (C-300/98 u C-392/98, Ġabra p. I-11307, punt 44); sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza iċċitati iktar 'il fuq, Cordis vs Il-Kummissjoni (punt 46) u Chiquita Brands *et* vs Il-Kummissjoni (punt 114).

20 — Sentenza Dior *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

21 — Sentenza International Fruit Company *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 8).

22 — Kif fakkar b'mod partikolari J. Rideau, *"Les accords internationaux dans la jurisprudence de la Cour de justice des Communautés européennes"*, *Revue générale du droit international public*, 1990, p. 289, b'mod speċjali p. 357.

23 — Ara s-sentenza tal-5 ta' Frar 1963, Van Gend & Loos (26/62, Ġabra p. 1).

24 — Sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 34); ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1982, Kupferberg (104/81, Ġabra p. 3641, punt 17).

li għandha tirregola dan [25]. Għalhekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ftehim internazzjonali jkollu effett dirett fis-sistema legali Komunitarja biss meta tkun teżisti l-kundizzjoni doppja li t-termini, in-natura u l-istruttura tiegħu ma jkunux jipprekludu l-invokabbiltà tiegħu u li d-dispożizzjonijiet invokati jidhru, kemm fid-dawl tal-għan u tal-iskop tal-ftehim kif ukoll tal-kuntest tiegħu, suffiċjentement preċiżi u mingħajr kundizzjonijiet, jiġifieri li jkunu jinkludu obbligu ċar u preċiż li ma jkunx suġġett, fl-eżekuzzjoni jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' att ulterjuri [26].

ii) Il-portata tal-kundizzjoni ta' effett dirett ta' ftehim internazzjonali

28. Iż-żewġ kunċetti huma differenti anki fil-portata tagħhom. Fil-fatt, mis-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill [27] jirriżulta li l-effett dirett ta' ftehim internazzjonali jaffettwa l-invokabbiltà tiegħu mhux biss quddiem il-qorti nazzjonali iżda wkoll quddiem il-Qorti Komunitarja, fi kliem ieħor, li din il-kundizzjoni tapplika indipendentement min-natura tal-att li in sostenn tiegħu jiġi allegat motiv ibbażat fuq ksur ta' ftehim internazzjonali. Mill-imsemmija sentenza jirriżulta wkoll li dan japplika indipendentement il-kwalità tar-rikorrent, kemm jekk ikun individwu jew inkella rikorrent privileġġjat.

29. Huwa għalhekk li fir-rigward tal-Ftehim WTO, il-Qorti Komunitarja ċaħdet l-invokabbiltà tiegħu kemm fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari sabiex tiġi evalwata l-validità [28], kif ukoll fil-kuntest ta' rikors għal annullament [29] jew ta' rikors għall-ħlas ta' kumpens [30]. Din irrifjutat li tisma motiv ibbażat fuq il-ksur tal-liġi tad-WTO, kemm jekk tqajjem minn individwu kif ukoll jekk tqajjem minn Stat Membru.

30. Għalkemm l-attribuzzjoni ta' tali portata lill-effett dirett ta' ftehim internazzjonali kienet ikkritikata ta' spiss minn parti midduttrina, din hija totalment iġġustifikata. Bħala gwardjan tas-sistema legali Komunitarja, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-każ fejn tiġi invokata regola derivanti mis-sistema legali internazzjonali, tiddefinixxi l-effetti tagħha b'mod globali u uniformi, li jkun japplika għas-sistema legali Komunitarja kollha. Għalhekk, wieħed jista' faċilment jifhem li l-kundizzjoni ta' effett dirett ta' ftehim internazzjonali hija meħtieġa indipendentement mit-tip ta' rikors u millkwalità tar-rikorrent, kemm jekk il-kwistjoni titressaq quddiem il-qorti nazzjonali kif ukoll jekk titressaq quddiem il-Qorti Komunitarja [31].

25 — *Ibidem*.

26 — Ara s-sentenza tad-29 ta' April 1982, Pabst & Richarz (17/81, Ġabra p. 1331, punt 27); sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Kupferberg (punti 22 u 23), Demirel (punt 14), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon, f'din l-istess kawża, li jiġbru flimkien il-ġurisprudenza fuq dan il-punt (punt 18); sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Racke (punt 31), Dior *et* (punt 42), International Air Transport Association (punt 39); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża The International Association of Independent Tanker Owners *et* (C-308/06, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, punt 48).

27 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994 (C-280/93, Ġabra p. I-4973, punti 103 sa 112).

28 — Ara s-sentenza Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq; ara wkoll, fir-rigward tal-GATT, is-sentenza International Fruit Company *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

29 — Ara s-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

30 — Ara, pereżempju, is-sentenza Cordis vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 44 sa 60).

31 — Kif xi membri tad-duttrina (ara R. Kovar, *"Les accords liant les Communautés européennes et l'ordre juridique communautaire"*, RMC 1974, p. 352, b'mod speċjali p. 358-359) jew tal-Qorti tal-Ġustizzja (R. Joliet, *Le droit institutionnel des Communautés européennes — Les institutions - Les sources - Les rapports entre ordres juridiques*, Liège, 1983, b'mod speċjali p. 256-257) kienu fehmu perfettament minn ħafna żmien qabel.

31. Għaldaqstant, peress li hemm distinzjoni netta bejn iż-żewġ kundizzjonijiet ta' effett dirett ta' ftehim internazzjonali u ta' effett dirett tad-dritt Komunitarju, kemm mill-perspettiva tal-kunċett kif ukoll fir-rigward tal-portata tagħhom, ikun mingħajr dubju għaqli li fil-ġejjieni, sabiex tiġi evitata kull konfużjoni, jintużaw termini differenti biex jiġu identifikati u, għaldaqstant, li iktar 'il quddiem nitkellem biss dwar l-invokabbiltà ta' ftehim internazzjonali.

33. L-ewwel nett, minkejja s-suġġettament għall-intervent ġudizzjarju tas-sistema ta' soluzzjoni tal-kontroversji, il-Ftehim xorta jħalli spazju wiesa' għan-negozjati bejn il-partijiet, anki f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-membru kkonċernat mid-deċiżjonijiet u mir-rakkomandazzjonijiet tad-DSB. Konsegwentement, il-fatt li l-organi ġudizzjarji jiġu obbligati li ma japplikawx ir-regoli interni li mhumiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim iċaħħad lill-organi Komunitarji minn din il-possibbiltà ta' soluzzjonijiet innegozjati.

iii) L-invokabbiltà tal-liġi tad-WTO

32. Bl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji ta' evalwazzjoni għall-ftehim GATT, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li l-flessibbiltà kbira tad-dispożizzjonijiet tiegħu u l-prinċipju ta' negozjati magħmula abbażi ta' reċiproċità u ta' vantaġġi reċiproċi sottostanti kienu jipprekludu l-invokabbiltà tiegħu [32]. Fi kliem ieħor, mill-ispirtu, mill-istruttura u mill-kliem tal-Ftehim ma kienx jirriżulta obbligu li dawn jiġu rikonoxxuti effett dirett [33]. Huwa magħruf li l-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-istess konklużjoni fir-rigward tal-Ftehim WTO [34], filwaqt li xi wħud ħasbu li kellu jkun mod ieħor, fid-dawl tal-mekkaniżmu msaħħaħ ta' soluzzjoni ta' kontroversji li stabbilixxew dawn il-ftehim. Biex tiċħad l-argument li l-liġi tad-WTO, ikkunsidrata globalment, għandha effett dirett, il-Qorti tal-Ġustizzja ibbażat ruħha fuq iż-żewġ kunsiderazzjonijiet segwenti.

34. It-tieni nett, xi msieħba kummerċjali tal-Komunità jirrifjutaw għal kollox kull invokabbiltà tal-Ftehim. L-istess flessibbiltà għandha tingħata lill-organi leġiżlattivi u eżekuttivi tal-Komunità, b'riskju li jekk dan ma jsirx jirriżulta żbilanċ fl-applikazzjoni tar-regoli tad-WTO, peress li dan huwa bbażat fuq prinċipju ta' reċiproċità u ta' vantaġġi reċiproċi.

35. Fil-qosor, minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-Ftehim WTO għandhom jiġu interpretati fis-sens li jħallu marġni ta' libertà politika lill-istituzzjonijiet Komunitarji fil-kuntest tad-WTO, u dan jiġi kompromess fil-każ li jiġi rikonoxxut effett dirett lill-imsemmi Ftehim. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija ma tistax, f'dan il-qasam, tinterferixxi fuq il-prerogattivi tal-politika mingħajr ma tikkawża dannu lill-bilanċ istituzzjonali.

32 — Ara s-sentenza International Fruit Company *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

33 — Ara s-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 110).

34 — Fis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq.

36. Ir-rilevanza ta' dawn l-argumenti kienet, kif inhu magħruf, diskussa b'mod intensiv fid-duttrina [35] u xi drabi kkontestata mill-Avukati Ġenerali [36]. Din setgħet tidher kontradittorja mar-raġunamenti preċedentement żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-effett dirett ta' tali jew tali ftehim internazzjonali [37]. Madankollu, is-soluzzjoni li tirriżulta, jiġifieri li l-liġi tad-WTO m'għandhiex effett dirett, xorta baqgħet tiġi kkonfermata b'mod konsistenti mill-ġurisprudenza minn dak iż-żmien.

37. Iżda l-fatt li l-liġi tad-WTO ma tistax tiġi invokata quddiem qorti ma jfissirx li ma jiffurmax parti mis-sistema legali Komunitarja. Minn dan il-lat, mhemmx dubju li l-formulazzjoni użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, mhix waħda tajba. Din tagħti l-impressjoni li ftehim internazzjonali ma jiffurmax parti mid-dritt Komunitarju, iżda fil-fatt din hija kwistjoni ta' invokabbiltà tar-regola msemmija li hija kompetenza tal-Qorti. Iżda kien fuq l-affarijiet l-oħrajn li fil-verità, għalkemm b'mod mhux ċar, il-Qorti tal-Ġustizzja riedet titkellem. Fil-fatt, hija tirrifjuta li tinkludi l-Ftehim WTO fost ir-regoli fid-dawl ta' liema hija tista' tistħarreġ l-legalità tal-atti Komunitarji għalhiex, minħabba l-karatteristiċi tar-regoli tad-WTO, ma jistax "jiġi ammess li l-Qorti Komunitarja għandha, direttament, ir-responsabbiltà li tiżgura l-konformità tad-dritt Komunitarju mar-regoli tad-WTO" [38]. Għalhekk, din il-ġurisprudenza m'għandhiex tinftiehem fis-sens li tiċħad il-kwalità ta' sors tad-dritt Komunitarju tar-regoli tad-WTO, iżda bħala li taffettwa l-portata kontenzjuża tagħhom. Inkella, kif jista' jinftiehem li t-tneħħija tal-portata kontenzjuża hija biss parzjali? Fil-fatt, huwa biss sa fejn l-applikazzjoni ġudizzjarja tal-liġi tad-WTO tkun ta' ħsara għall-politika tal-istituzzjonijiet Komunitarji fil-kuntest tad-WTO li l-imsemmi dritt ma jistax jiġi invokat b'mod utli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

b) L-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' non invokabbiltà tar-regoli tad-WTO

38. Il-ġurisprudenza Komunitarja elaborat ċertu numru ta' eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' non invokabbiltà tal-liġi tad-WTO, li huma possibbli biss għaliex il-liġi tad-WTO tikkostitwixxi regola tas-sistema legali Komunitarja. Huma propju dawn

35 — Minn fost litteratura abbondanti ħafna, għandhom jiġu indikati b'mod partikolari P. Eeckhout, *"The domestic legal status of the WTO Agreement: interconnecting legal systems"*, CMLR 1997, p. 11; P. J. Kuijper, u M. Bronckers, *"WTO law in the European Court of justice"* CMLR 2005, p. 1313; S. Peers, *"Fundamental Right or political Whim? WTO Law and the European Court of Justice"*, f'G. de Burca/Scott, *The EU and WTO,* 2001, p. 111.

36 — Ara b'mod partikolari l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saggio fil-kawża Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro fil-kawża Hermès (sentenza tas-16 ta' Ġunju 1998, C-53/96, Ġabra p. I-3606, punti 28 sa 37).

37 — Ikun biżżejjed li dan ir-raġunament jiġi pparagunat mal-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Kupferberg fir-rigward ta' ftehim internazzjonali ieħor (iċċitata iktar 'il fuq, punti 17 sa 22).

38 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Il-Portugall vs Il-Kunsill (punti 46 u 47) u Van Parys (punt 53).

il-kunsiderazzjonijiet stess li jiġġustifikaw ir-rifjut tal-prinċipju tal-invokabbiltà tar-regoli tad-WTO li huwa l-bażi tagħhom. Dawn il-karatteristiċi huma ta' tliet tipi.

39. Fl-ewwel lok, l-atti Komunitarji [39], l-istess bħall-miżuri nazzjonali [40], għandhom ikunu suġġetti għal interpretazzjoni konformi mal-liġi tad-WTO. Tali obbligu ma jistax effettivament jibdel il-possibbilitajiet ta' negozjati tal-istituzzjonijiet f'każ ta' kontroversja mal-imsieħba tagħhom fid-WTO. Dan huwa evidenti meta dan l-obbligu jkun jirrigwarda d-dritt nazzjonali. Dan japplika wkoll meta l-obbligu japplika għall-atti Komunitarji. Effettivament, l-interpretazzjoni konformi għandha ssir biss sa fejn ikun possibbli. B'dan il-mod l-istituzzjonijiet jingħataw il-possibbiltà li, permezz tal-adozzjoni jew iż-żamma ta' att li jmur b'mod ċar kontra l-liġi tad-WTO, jippreferu l-għażla ta' soluzzjoni nnegozjata hija iktar flessibbli.

40. Fit-tieni lok, il-ftehim jistgħu jservu wkoll bħala bażi sabiex Stat Membru jiġi kkundannat minħabba li jkun naqas milli jwettaq obbligu [41]. Din is-soluzzjoni wkoll tista' tinftiehem aħċilment. In-nuqqas ta' att Komunitarju li jmur kontra l-liġi tad-WTO juri r-rieda tal-istituzzjonijiet li jkunu konformi miegħu. Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax b'mod unilaterali jevita l-obbligi imposti minnu. U l-kundanna tiegħu bl-ebda mod ma tneħħi l-possibbiltà li l-istituzzjonijiet għandhom li, fil-ġejjieni, ma japplikawx ir-regoli tad-WTO, li jkunu l-bażi tal-kundanna, bit-telfien ta' soluzzjoni nnegozjata.

41. Fl-aħħar lok, motiv ibbażat fuq il-ksur tal-liġi tad-WTO huwa ammissibbli, inkluż meta dan jitqajjem in sostenn tal-kontestazzjoni tal-legalità ta' att Komunitarju, f'żewġ każijiet [42]: jew fil-każ fejn il-Komunità kellha l-intenzjoni li teżegwixxi obbligu partikolari meħud fil-kuntest tad-WTO [43], jew fil-każ fejn l-att Komunitarju, billi jirreferi espliċitament għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-Ftehim WTO, ikun ikkonferixxa lill-individwi d-dritt li jinvokaw dan il-Ftehim [44]. Għaldaqstant, fil-fatt, peress li l-Ftehim WTO ma jimponux, la b'mod espliċitu u lanqas fid-dawl tal-interpretazzjoni konformi mal-għan u mal-iskop tagħhom, fuq il-partijiet firmatarji l-obbligu li jagħtuhom effett dirett fis-sistemi legali tagħhom, huma dawn il-firmatarji stess li għandhom jiddeċiedu liberament il-mezzi legali xierqa sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni *in bona fede* tagħhom fis-sistema legali tagħhom [45], jiġifieri li jiddeċiedu jekk jixtiqux jagħtu lill-individwi d-dritt li jinvokaw id-dispożizzjonijiet tiegħu. Iż-żewġ każijiet imsemmija jikkostitwixxu l-espressjoni ta' tali rieda min-naħa tal-Komunità. Fl-istess ħin, il-Komunità tgħid li għandha l-intenzjoni li tikkonforma ruħha mal-liġi tad-WTO, u għalhekk tirrinunċja b'mod volontarju għall-marġini ta' manuvrar fl-applikazzjoni tar-regoli tad-WTO li jgawdu minnhu xi wħud mill-partijiet kontraenti li jiċħdu kull effett dirett lir-regoli msemmija.

39 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 52); tas-7 ta' Ġunju 2007, Řízení Letového Provozu (C-335/05, Ġabra p. I-4307, punt 16); u Merck Genéricos Produtos Farmacêuticos, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35).

40 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Hermès (punt 28) u Dior *et* (punt 47).

41 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq.

42 — B'mod partikolari mfakkra mis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 49).

43 — Il-każ Nakajima. Għal applikazzjoni, ara s-sentenza tad-9 ta' Jannar 2003, Petrotub u Republica, iċċitata iktar 'il fuq (punti 52 sa 56).

44 — Huwa l-każ Fediol.

45 — Ara s-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35).

2. L-effett ta' deċiżjoni tad-DSB li tikkundanna lill-Komunità

42. Huwa fil-kuntest imfisser minn din il-ġurisprudenza li jinsabu l-argumenti tal-appellanti. Huma jitolbu sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi jekk u sa fejn deċiżjoni tad-DSB li tikkonstata nuqqas ta' kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni Komunitarja ma' dispożizzjoni tal-Ftehim WTO tista' wkoll tkun ta' natura tali li tinfluwenza ċ-ċaħda tal-prinċipju tal-invokabbiltà tal-imsemmi Ftehim, u b'dan il-mod teskludi, konsegwentement, kull stħarriġ tal-kompatibbiltà tad-dritt Komunitarju dderivat fid-dawl ta' dawn il-Ftehim. Għal dan il-għan, l-appellanti jinsistu fuq il-karattru vinkolanti tad-deċiżjoni tad-DSB biex isostnu li huma għandhom ikunu jistgħu jinvokawha u jilmentaw min-nuqqas ta' eżekuzzjoni tagħha, anke minkejja li l-Ftehim WTO stess mhumiex invokabbli. Il-mod li bih ġie ppreżentat l-argument huwa mingħajr dubju ta' xejn mingħajr sostanza. Kif ġustament ikkonfuta l-Kunsill, deċiżjoni tad-DSB ma tistax tipproduċi effetti iktar wesgħin minn dawk tar-regoli tad-WTO fil-konfront ta' liema d-deċiżjoni sabet il-ksur. Għalhekk, b'mod iktar eżatt, il-kwistjoni li għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tirrispondi hija dik jekk, fi kliem il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenzi appellati, "il-Ftehim WTO jagħtux lill-individwi suġġetti għad-dritt Komunitarju d-dritt li jinvokawhom fil-qorti biex jikkontestaw il-validità ta' leġiżlazzjoni Komunitarja f'sitwazzjoni fejn id-DSB ikun iddikjara li kemm din il-leġiżlazzjoni kif ukoll il-leġiżlazzjoni adotatta sussegwentement mill-Komunità, b'mod partikolari bil-għan li tikkonforma ruħha mar-regoli tad-WTO konċernati, kienu inkompatibbli ma' dawn l-istess regoli" [46].

43. L-appellanti jilmentaw talli fis-sentenzi appellati, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat risposta fin-negattiv. Madankollu, meta ddeċidiet b'dan il-mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza llimitat ruħha li ssegwi l-orjentazzjoni tal-ġurisprudenza preċedenti. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġa tat x'tifhem li ma jistax ikun hemm invokabbiltà ta' deċiżjoni tad-DSB indipendentement mill-invokabbiltà tar-regoli tad-WTO [47]. Ċertament, il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni tad-DSB li tikkundanna lill-Komunità tistax taffettwa l-prinċipju tan-non invokabbiltà tal-liġi tad-WTO tibqa' mingħajr risposta. għalkemm huwa minnu li inizjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja dehret li kienet ser tibdel id-direzzjoni, peress li kienet ikkritikat lill-Qorti tal-Prim'Istanza talli ħalliet mingħajr risposta argument li jgħid li l-effetti legali ta' deċiżjoni tad-DSB fir-rigward tal-Komunità Ewropea "kienu ta' natura tali li jikkontestaw l-evalwazzjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' effett dirett tar-regoli tad-WTO u li jiġġustifikaw l-istħarriġ, min-naħa tal-Qorti Komunitarja, tal-legalità tad-direttivi [...] fid-dawl ta' dawn ir-regoli, fil-kuntest tal-kawża għall-ħlas ta' kumpens imressqa mir-rikorrenti" [48] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Iżda d-direzzjoni ma nbidlitx, peress li l-Qorti Komunitarja ddeċidiet li ma setgħax jiġi ddikjarat nuqqas ta' kompatibbiltà ta' att Komunitarju mal-liġi tad-WTO, anki jekk ikkonstatat minn deċiżjoni tad-DSB, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari għall-evalwazzjoni tal-validità [49] jew in sostenn ta' kawża għall-ħlas ta' kumpens [50], minkejja n-nuqqas ta' effett

46 — Sentenza Fiamm (punt 108), u Fedon (punt 101).

47 — Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li individwu jinvoka l-interpretazzjoni żbaljata tal-karattru vinkolanti, għall-Komunità, ta' deċiżjoni tad-DSB, ikun ifisser li huwa jallega ksur tal-effett vinkolanti tal-Ftehim WTO, liema ħaġa mhix possibbli ħlief f'każ ta' effett dirett ta' dan il-Ftehim (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Komunità Ewropea, C-104/97 P, Ġabra p. I-6983, punti 17 sa 23).

48 — Ara s-sentenza Biret International vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 57).

49 — Ara s-sentenza Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq.

50 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza Chiquita Brands *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

dirett tar-regoli tad-WTO, ħlief fil-kuntest strett stabbilit mis-soluzzjonijiet previsti fil-kawżi Nakajima u Fediol.

44. FIAMM u FEDON jafu b'din il-ġurisprudenza. Madankollu, huma jinsistu fuq il-partikolaritajiet tal-każ tagħhom fir-rigward tal-każijiet preċedenti sabiex jitolbu li tingħata soluzzjoni differenti. Minn dan il-lat, huma josservaw li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tagħti deċiżjoni fuq il-possibbiltà li deċiżjoni tad-DSB tiġi invokata wara li jiskadi t-terminu ta' żmien raġonevoli preskritt sabiex il-Komunità tikkonforma ruħha, u dan bil-għan li jinkiseb kumpens għaddanni li ġew sofruti minħabba miżuri ta' ritaljazzjoni. Għalhekk, din hija ċirkostanza ġdida, peress li s-sentenza Van Parys ikkunsidrat l-invokabbiltà ta' deċiżjoni tad-DSB għall-finijiet ta' evalwazzjoni, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, tal-validità ta' att Komunitarju; din hija ċirkostanza ġdida wkoll peress li, għalkemm fil-kawża Chiquita Brands *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-kwistjoni kienet tirrigwarda talba għall-ħlas ta' danni għall-ħsara sofruta minħabba l-ksur persistenti tar-regoli tad-WTO ikkonstatata mid-DSB, madankollu r-rikorrenti f'dik il-kawża kienet llimitat ruħha li titlob l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni Nakajima.

45. L-evalwazzjoni tal-fondatezza tal-argumenti tal-appellanti teħtieġ li mmorru lura għall-bażi tal-prinċipju stess tan-non-invokabbiltà tal-liġi tad-WTO. Nixtieq nerġa nfakkar li fid-dawl tan-natura u tal-istruttura tagħhom, il-Ftehim WTO dejjem ġew, bħala prinċipju, miċħuda kull invokabbiltà u li applikazzjoni ġudizzjarja tar-regoli tad-WTO tista' ssir biss sa fejn din la taffettwa l-possibbilitajiet ta' negozjati li l-Ftehim WTO jagħti lill-partijiet firmatarji anki fil-każ ta' kontroversja, u lanqas ma taffettwa r-reċiproċità u l-bilanċ fl-applikazzjoni tal-impenji meħuda taħt id-WTO; jiġifieri sa fejn dan ma jnaqqasx il-libertà politika li l-Ftehim WTO, min-natura u mill-istruttura tagħhom, jagħtu lill-partijiet kontraenti fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal- imsemmija Ftehim. Għalhekk, għandu jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest partikolari tal-kawżi inkwistjoni, il-fatt li l-appellanti jitħallew jinvokaw id-deċiżjoni tad-DSB sabiex jistabbilixxu l-illegalità tal-aġir tal-Komunità bil-għan li jingħataw kumpens għad-dannu sofrut minħabba d-dazju addizzjonali impost mill-Istati Uniti b'ritaljazzjoni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-Komunità tad-deċiżjoni tad-DSB jiksirx il-libertà politika tal-organi leġiżlattivi u eżekuttivi Komunitarji fil-kuntest tad-WTO.

46. Minn dan il-lat, l-ewwel mistoqsija tirrigwarda l-persistenza ta' tali libertà politika fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-kawżi inkwistjoni. Ir-risposta tkun ċertament fil-pożittiv fil-każ fejn it-terminu ta' żmien raġonevoli għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tad-DSB ikun għadu ma għaddiex. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbiliet li "il-Qorti Komunitarja ma tistax, mingħajr ma tirriskja li tneħħi kull effett tal-għoti ta' terminu ta' żmien raġonevoli sabiex il-Komunità tikkonforma ruħha mar-rakkomandazzjonijiet jew mad-deċiżjonijiet tad-DSB, previsti fil-kwadru tas-sistema ta' soluzzjoni tal-kontroversji stabbilita mill-Ftehim WTO, tistħarreġ il-legalità tal-atti Komunitarji inkwistjoni, b'mod partikolari fil-kuntest ta' talba għall-ħlas ta' kumpens abbażi tal-Artikolu 178 tat-Trattat" [51] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Iżda preċiżament, kif ġustament jenfasizzaw FIAMM u FEDON, it-terminu ta' żmien raġonevoli li ġie mogħti lill-Komunità sabiex tikkonforma ruħha mad-deċiżjoni tad-DSB kien skada fl-1 ta' Jannar 1999 u, permezz tad-deċiżjoni tad-19 ta' April 1999, id-DSB kien ikkonstata li fl-1 ta' Jannar 1999 kien għad hemm nuqqas ta' kompatibbiltà

51 — Sentenza Biret International vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 62).

tad-dritt Komunitarju mar-regoli tad-WTO. Għaldaqstant, huma jsostnu li, b'effett minn meta l-ebda kumpens sodisfaċjenti ma kien ġie miftiehem fl-għoxrin jum ta' wara d-data li fiha kien skada t-terminu ta' żmien raġonevoli, liema possibbiltà hija mogħtija mill-Artikolu 22(2) tad-DSU, il-Komunità ma setgħetx tagħmel iktar użu minn soluzzjonijiet innegozjati. Din ma kellhiex għażla oħra ħlief dik li tikkonforma ruħha mad-deċiżjoni tad-DSB jew li tkun esposta għal miżuri ta' ritaljazzjoni fin-nuqqas ta' dan. Fl-aħħar mill-aħħar, dan id-dibattitu jirrigwarda s-setgħa vinkolanti tad-deċiżjoni tad-DSB: għandu jiġi kkunsidrat li d-DSU jimponi l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tad-DSB?

47. Jien ma naqbilx mal-evalwazzjoni tal-appellanti fuq dan il-punt [52]. Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 22(1) tad-DSU jiffavorixxi l-implimentazzjoni sħiħa ta' rakkomandazzjoni sabiex miżura ssir konformi mal-Ftehim WTO u li, skont l-Artikolu 3(7), id-DSU normalment għandu bħala għan primarju, fin-nuqqas ta' soluzzjoni miftehma bejn il-partijiet kollha u li tkun kompatibbli mal-ftehim inkwistjoni, l-irtirar tal-miżuri li ġew iddikjarati bħala inkompatibbli. Madankollu, minn dan ma jistax jiġi konkluż li, fid-dawl tal-ġurisprudenza [53], id-DSU jistabbilixxi l-metodi xierqa sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni *in bona fede*, fis-sistema legali interna tal-partijiet kontraenti, tad-deċiżjoni tad-DSB u, għalhekk, tar-regoli tad-WTO li dan ikun sab il-ksur tagħhom. Il-Komunità żżomm il-libertà li tagħmel l-għażla politika li inizjalment tkun esposta għal miżuri ta' ritaljazzjoni li jkunu ġew awtorizzati mid-DSB abbażi tal-Artikolu 22(2) tad-DSU. Barra minn hekk, hekk kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja [54] u kif fakkret il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenzi appellati [55], kemm wara l-iskadenza tat-terminu ta' żmien mogħti sabiex il-miżura ddikjarata bħala mhux kompatibbli mar-regoli tad-WTO issir konformi kif ukoll wara l-awtorizzazzjoni u l-adozzjoni ta' miżuri ta' ritaljazzjoni, f'kull każ jibqa rriżervat post importanti ħafna għan-negozjati bejn il-partijiet fil-kwistjoni. L-Artikolu 22(8) tad-DSU jenfasizza l-karattru temporanju tas-sospensjoni tal-konċessjonijiet u jillimita t-tul ta' żmien tagħhom "biss sa dak il-punt meta titneħħa l-miżura misjuba li tkun inkonsistenti mal-ftehim kopert, jew il-Membru li għandu jimplimenta rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet jipprovdi soluzzjoni għat-tħassir tal-benefiċċji, jew tintlaħaq soluzzjoni sodisfaċenti reċiprokament", bl-unika riżerva, stabbilita mill-Artikolu 3(5) tad-DSU, li s-soluzzjoni msemmija tkun kompatibbli mal-Ftehim WTO. Mill-bqija, permezz tal-modifiki suċċessivi tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana li kienet ġiet iddikjarata bħala inkompatibbli mar-regoli tad-WTO, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma ppruvawx ineħħu d-dispożizzjonijiet meqjusa bħala kuntrarji; huma ppruvaw fl-istess ħin jieħdu inkunsiderazzjoni l-konstatazzjonijiet tad-DSB, li jirrispettaw l-impenji meħuda fil-konfront tal-firmatarji l-oħra tar-Raba' Konvenzjoni ta' Lomé u li jissalvagwardjaw l-għanijiet tal-OKS tal-banana; u kien permezz tal-konklużjoni ta' ftehim mal-Istati Uniti, fid-19 ta' April 2001, li finalment ġiet solvuta l-kontroversja. Huwa minnu li jista jiġi kkontestat li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tad-deċiżjonijiet tad-DSB ma tistax tiġi evitata u li soluzzjoni nnegozjata simili tikkostitwixxi wkoll forma ta' eżekuzzjoni

52 — Għalkemm dawn huma sostnuti mill-konklużjonijiet ta' xi Avukati Ġenerali (ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Alber fil-kawża Biret International vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq).

53 — Ara s-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 41).

54 — Ara s-sentenza Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq (punti 42 sa 51). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Chiquita Brands *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 164).

55 — Ara s-sentenzi Fiamm (punti 125 sa 129), u Fedon (punti 118 sa 123).

tad-deċiżjoni tad-DSB [56]. Madankollu, kemm jekk wieħed iqis il-possibbiltà perenni ta' soluzzjoni nnegozjata għal kwistjoni bħala libertà limitata għall-għażla tal-metodi ta' implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tad-DSB jew inkella bħala libertà li tiġi ffavorita alternattiva għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni msemmija, din dejjem tibqa libertà.

48. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-invokabbiltà tar-regoli tad-WTO li l-ksur tagħhom ġie kkonstatat mid-deċiżjoni tad-DSB għall-finijiet tal-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għal ħtija tal-Komunità hija ta' natura tali li ddgħajjef il-libertà politika li l-Komunità għandha f'kull każ fil-kuntest ġuridiku tad-WTO? Fi kliem ieħor, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt li l-Qorti Komunitarja, fil-każ ta' rikors għall-ħlas ta' danni, tikkonstata l-illegalità tal-aġir tal-Komunità, ħaġa li tali invokabbilità tippermetti, jillimita l-libertà msemmija? L-appellanti jilmentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza affermat dan [57]. Huma jgħidu li l-konstatazzjoni tal-illegalità mhix intiża sabiex tinkiseb dikjarazzjoni, bħal fil-kuntest ta' talba għal-deċiżjoni preliminari għall-evalwazzjoni tal-validità bħal fil-kawża Van Parys jew fil-kuntest ta' rikors għal annullament, li l-miżura Komunitarja li tmur kontra l-liġi tad-WTO hija invalida jew annullata; deċiżjoni ġudizzjarja li mingħajr dubju tkun ta' natura tali li taffettwa l-possibbiltà li l-organi leġiżlattivi u eżekuttivi tal-Komunità għandhom li jfittxu soluzzjoni nnegozjata, peress li din tobbliga lill-istituzzjonijiet li jneħħu l-miżura ddikjarata bħala invalida jew annullata mis-sistema legali tal-Unjoni. L-evidenzjar tal-illegalità hija intiża biss, f'dan il-każ, sabiex tissodisfa waħda mit-tliet kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità għal ħtija, u m'għandha l-ebda effett fuq l-effettività tal-miżura Komunitarja iddikjarata bħala mhux kompatibbli mal-Ftehim WTO.

49. Anke f'dan il-każ, l-argumenti tal-appellanti ma jikkonvinċunix. Ċertament, l-illegalità tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, ikkonstatata mill-Qorti Komunitarja fil-kuntest ta' rikors għall-ħlas ta' kumpens, li ġiet iddikjarata bħala inkompatibbli mal-liġi tad-WTO mid-DSB ma twassalx formalment la għall-annullament tagħha u lanqas għall-invalidazzjoni tagħha. Għalhekk, l-imsemmija leġiżlazzjoni tibqa parti integrali mis-sistema legali u tibqa teoretikament applikabbli. Madankollu l-konstatazzjoni tal-illegalità magħmula mill-Qorti Komunitarja għandha l-awtorità ta' *res judicata*. Għaldaqstant, l-organi politiċi tal-Komunità ma jistgħux iħallu għaddejja l-imsemmija illegalità, mingħajr ma jiksru l-prinċipju ta' komunità tal-liġi. Dawn għandhom l-obbligu li jeliminaw din l-illegalità billi jneħħu jew jirtiraw il-liġi inkwistjoni. Għalhekk, isir impossibbli għalihom, bħal ma sar f'dan il-każ bl-aħħar emendi fil-liġi tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana, li jfittxu soluzzjoni nnegozjata li tippermettilhom li jibbilanċjaw bl-aħjar mod id-diversi interessi inkwistjoni. Għalhekk, il-marġni ta' manuvrar politiku tagħhom ikun mingħajr dubju affettwat.

50. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent ta' responsabbiltà għal ħtija tal-Komunità joffri l-possibbiltà li l-impriżi kollha milquta, kemm jekk mill-miżura Komunitarja inkompatibbli mar-regoli tad-WTO stess, jew inkella minn miżuri ta' ritaljazzjoni, jiksbu,

56 — Ara f'dan is-sens il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Alber fil-kawża Biret International vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punti 74 sa 88); u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Van Parys, iċċitata iktar 'il fuq (punti 56 u 57).

57 — Ara s-sentenzi Fiamm (punti 130 sa 135), u Fedon (punti 123 sa 128).

permezz ta' kawża, kumpens għall-ħsara kollha li sofrew. Il-perspettiva ta' tali piż finanzjarju tista' wkoll tkun ta' natura tali li ġġiegħel lill-organi politiċi tal-Komunità jeliminaw il-miżura Komunitarja ddikjarata bħala inkompatibbli mar-regoli tad-WTO u għalhekk sabiex tiġi mnaqqsa l-libertà ta' aġir li jagħtihom il-qafas ġuridiku tad-WTO.

B — *Ir-responsabbiltà assoluta tal-Komunità*

51. Fl-aħħar, l-appellanti jikkontestaw li r-rikonoxximent tal-possibbiltà li d-deċiżjoni tad-DSB tiġi invokata għall-finijiet ta' ksib ta' kumpens għall-ħsara sofruta minħabba miżuri ta' ritaljazzjoni adottati wara n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni msemmija ma jkollha l-ebda effett fuq il-libertà politika tal-organi tal-Komunità peress li f'dan il-każ, it-talba ta' kumpens ġiet ippreżentata, fil-kawża Fedon, wara li ġiet solvuta l-kontroversja kummerċjali jew, fil-kawża Fiamm, ġiet, minn tal-inqas, evalwata wara tali soluzzjoni. Madankollu, il-konferma tal-prinċipju ta' responsabbiltà għall-aġir illegali tal-Komunità li ma tkunx ikkonformat ruħha fit-terminu ta' żmien raġonevoli stabbilit mid-deċiżjoni tad-DSB jikkostitwixxi xabla ta' Damocle li fil-futur tkun thedded il-libertà tal-organi politiċi tal-Komunità fi ħdan id-WTO.

52. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li għandu jiġi kkonfermat ir-rifjut tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tistħarreġ, fil-kuntest tal-kawża għall-ħlas ta' kumpens, bl-eċċezzjonijiet ta' Fediol u Nakajima, il-legalità tal-aġir tal-istituzzjonijiet appellati fid-dawl tar-regoli tad-WTO fir-rigward ta' liema id-DSB sab nuqqas ta' kompatibbiltà min-naħa tal-Komunità.

53. L-appellanti jilmentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza aċċettat kunċett żbaljat ta' ħsara anormali, li wassalha sabiex inġustament tiċħad l-eżistenza ta' tali ħsara f'dan il-każ. Min-naħa tad-difiża, għalkemm il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja jaqblu mal-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq in-nuqqas ta' karattru anormali tal-ħsara sofruta mill-appellanti u għalhekk jaqblu mal-parti dispożittiva tas-sentenzi appellati li tiċħad kull responsabbiltà assoluta tal-Komunità, dawn jilmentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet il-prinċipju nnifsu ta' responsabbiltà għall-aġiri legali, li ddikjaratu bħala applikabbli f'dawn il-kawżi, li ssuġġettatu għal kundizzjonijiet insuffiċjentement restrittivi u li rrikonoxxiet b'mod żbaljat li xi wħud minnhom, b'mod partikolari dik relatata man-ness ta' kawżalità diretta, kienu sodisfatti. Dawn jissuġġerixxu wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tissostitwixxi xi motivi tas-sentenzi appellati jew, saħansitra, skont il-Kunsill u l-Gvern Spanjol li għal dan il-għan ressqu appell inċidentali, li tannulla parzjalment is-sentenzi appellati. Jien ser nevalwa r-rilevanza tal-argumenti tad-diversi partijiet billi neżamina suċċessivament il-kwistjoni tal-prinċipju ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità, dik tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u fl-aħħar dik tal-kundizzjonijiet għall-attribuzzjoni tiegħu.

1. Il-prinċipju tar-responsabbiltà assoluta tal-Komunità

54. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja jikkontestaw l-eżistenza, iddikjarata mill-Qorti tal-Prim'Istanza mingħajr motivazzjoni suffiċjenti skont huma, ta' prinċipju ta' responsabbiltà tal-Komunità fin-nuqqas ta' aġir illegali tal-organi tagħha bħala prinċipju ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri. Ħafna inqas minn nofs l-Istati Membri stabbilixxew tali prinċipju fis-sistemi legali tagħhom u n-numru tagħhom huwa limitat għal tnejn meta l-att li ġġenera l-ħsara kien att leġiżlattiv. Huwa minnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza, mingħajr skruplu eċċessiv ta' dimostrazzjoni, illimitat ruħha li tibbaża l-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Komunità fin-nuqqas ta' aġir illegali tal-organi tagħha fuq l-affermazzjoni li "d-drittijiet nazzjonali dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali jippermettu, għalkemm f'livelli differenti, f'oqsma speċifiċi u skont metodi differenti, li individwi jiksbu, permezz ta' proċedimenti legali, kumpens għal ċerti danni, anki fin-nuqqas ta' azzjoni illegali min-naħa ta' min ikun ikkawża d-dannu" [58]. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE jeħtieġ li r-rimedju min-naħa tal-Komunità għad-danni kkawżati mill-istituzzjonijiet tagħha jkun konformi mal-"prinċipji ġenerali komuni għal sistemi legali tal-Istati Membri".

55. Iżda it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE għandu jinqara fis-sens li jawtorizza li tiddaħħal fid-dritt Komunitarju soluzzjoni fil-qasam ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tas-setgħa pubblika biss jekk din hija komuni għall-Istati Membri kollha? L-iskoperta ta' "prinċipju ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri" tista' ssir biss b'sovrappożizzjoni kważi awtomatika tal-liġi ta' kull Stat Membru sabiex jinżammu biss l-elementi li huma eżattament komuni? Jiena ma naħsibx. Loġika matematika similii tal-iżgħar denominatur komuni twassal għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' responsabbiltà tal-Komunità fejn il-possibbilitajiet li vittmi ta' ħsara kkaġunata mill-istituzzjonijiet jingħataw rimedju jkunu ridotti b'mod sinjifikanti [59]. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ċertament tevalwa l-iktar dispożittivi karatteristiċi tas-sistemi tad-dritt intern, qabel kollox hija għandha tħares li tadotta soluzzjoni li tkun adattata għall-bżonnijiet u għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-sistema legali Komunitarja. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tevalwa t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri sabiex issib risposta għad-domandi legali analogi li jeżistu fid-dritt Komunitarju, li tkun fl-istess ħin tirrispetta t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri u adattata għall-kuntest speċifiku tas-sistema legali Komunitarja. Minn dan il-lat, anki soluzzjoni minoritarja tista' tkun privileġġata, kemm-il darba din tirrispondi bl-aħjar mod għall ħtiġijiet tas-sistema Komunitarja.

58 — Sentenzi Fiamm (punt 159), u Fedon (punt 152). Għal sommarju ta' din is-soluzzjoni u ta' motivi identiċi, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Mejju 2006, Galileo International Technology *et* vs Il-Kummissjoni (T-279/03, Ġabra p. II-1291, punti 144 sa 147).

59 — Bl-istess mod, l-Avukat Ġenerali Roemer ċaħad l-applikazzjoni tal-"prinċipju tal-limitu inferjuri" li jirriżulta mill-għażla li jinżammu biss regoli eżistenti fl-Istati Membri kollha (konklużjonijiet fil-kawża Zuckerfabrik Schöppenstedt vs Il-Kunsill, sentenza tat-2 ta' Diċembru 1971, 5/71, Ġabra p. 975, b'mod speċjali p. 991). Dan enfasizza li l-importanti huwa li "mhuwiex il-qbil tas-sistemi legali tal-Istati Membri kollha, u lanqas it-tip ta' analiżi tal-konstatazzjoni ta' maġġoranza iżda […] l-istudju mirqum tad-dritt ikkumparat" (konklużjonijiet fil-kawża Werhahn Hansamühle *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 63/72 sa 69/72, sentenza tat-13 ta' Novembru 1973, Ġabra p. 1253, b'mod speċjali p. 1258). Dan semma wkoll il-possibbiltà li jkun hemm ispirazzjoni mill-"iktar liġi nazzjonali elaborata bir-reqqa ("überlegenst")" (konklużjonijiet fil-kawża 5/71, iċċitati iktar 'il fuq, ara b'mod speċjali p. 991), "li jiġi stabbilit liema sistema legali kienet tidher li kienet l-aħjar" (konklużjonijiet fil-kawżi 63/72 sa 69/72, iċċitati iktar 'il fuq, b'mod speċjali p. 1258). Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, il-kwistjoni mhix li tinstab l-aħjar soluzzjoni legali iżda li tinstab dik li tidher li hi l-iktar waħda xierqa fil-kuntest u għall-bżonnijiet tas-sistema legali Komunitarja.

Huwa biżżejjed, li jitfakkar l-eżempju tal-"Vertrauensschutzprinzip" użat għaddritt Komunitarju li kien jeżisti biss fil-liġi Ġermaniża. Għalhekk, il-fatt li huma biss il-liġijiet Spanjoli u Franċiżi li jistabbilixxu responsabbiltà tas-setgħa pubblika minħabba att leġiżlattiv legali ma jikkostitwixxix ostaklu għar-rikonoxximent tagħha fid-dritt Komunitarju.

56. Il-kwistjoni determinanti hija dik dwar jekk tali soluzzjoni tissodisfax bl-aħjar mod il-bżonnijiet speċifiċi tas-sistema legali Komunitarja. Dan ma jfissirx li l-prinċipju ta' responsabbiltà tas-setgħa pubblika minħabba att leġiżlattiv legali għandu jiġi użat fis-sistema legali Komunitarja meta jkun jidher bħala l-aħjar soluzzjoni legali, li għandha bħala tali tiġi adottata fis-sistema legali Komunitarja. L-użu tiegħu fid-dritt Komunitarju jista' jkun biss ir-riżultat ta' paragun tad-dispożittivi fuq is-suġġett użati mid-diversi sistemi legali nazzjonali bl-iskop li tinstab l-iktar soluzzjoni adattata possibbli għall-ħtiġiet speċifiċi tas-sistema legali Komunitarja [60].

57. Jidhirli li dan huwa l-każ. L-użu ta' prinċipju ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità jippermetti, għal finijiet ta' ġustizzja, li jiġu kkumpensati l-kundizzjonijiet iebsa għall-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għal ħtija tal-Komunità marbuta, b'mod partikolari, mal-ħtieġa ta' ksur suffiċjentement ikkaratterizzat ta' regola tal-liġi li tipproteġi lill-individwi [61] sabiex tagħti lill-vittmi ta' ħsara partikolarment gravi, sofruta minħabba aġir tal-istituzzjonijiet Komunitarji, l-possibbiltà li jingħataw rimedju. L-adegwament ta' tali soluzzjoni tispjega mingħajr dubju li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma warrbet il-possibbiltà li tużaha [62]. Barra minn hekk, għalkemm din is-soluzzjoni ġuridika tinsab biss f'uħud mis-sistemi legali nazzjonali, it-tħassib li tesprimi u l-protezzjoni tal-interessi ġuridiċi li tiggarantixxi huma wkoll ikkunsidrati f'sistemi legali oħra, anki jekk, kif jingħad iktar il-quddiem [63], permezz ta' mekkaniżmi ġuridiċi differenti.

58. Fil-kuntest partikolari ta' dan il-kawża, is-soluzzjoni msemmija tidher ħafna iktar adattata. Fin-nuqqas tal-invokabbilità tarregoli tad-WTO, l-individwi li jilmentaw minn aġir tal-istituzzjonijiet tal-Komunità li jmur kontra l-Ftehim WTO fil-fatt ma jistgħux, kif rajna, jinvokaw l-illegalità ta' tali aġir. Bħala konsegwenza, kemm il-proċedura ta' rikors għal annullament kif ukoll dik

60 — Għal illustrazzjoni ta' dan il-metodu fir-rigward tal-liġi talistrajk, li hija intiża sabiex tipparaguna soluzzjoni pprovduta fil-liġijiet nazzjonali għall-ħtiġiet speċifiċi għas-sistema legali Komunitarja, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, C-438/05, Ġabra p. I-10779, punt 60).

61 — Ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, (C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punti 41 u 42).

62 — Ara s-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 1972, Compagnie d'approvisionnement, de transport et de crédit u Grands Moulins de Paris vs Il-Kummissjoni (9/71 u 11/71, Ġabra p. 391, punt 46); tal-31 ta' Marzu 1977, Compagnie industrielle et agricole du comté de Loheac *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (54/76 sa 60/76, Ġabra p. 645, punt 19); tas-6 ta' Diċembru 1984, Biovilac vs Il-KEE (59/83, Ġabra p. 4057, punt 29); tal-24 ta' Ġunju 1986, Développement u Clemessy vs Il-Kummissjoni (267/82, Ġabra p. 1907, punt 33); tal-15 ta' Ġunju 2000, Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-237/98 P, Ġabra p. I-4549, punt 18); sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Diċembru 2001, Area Cova *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-196/99, Ġabra p. II-3597, punt 171); tal-20 ta' Frar 2002, Förde-Reederei vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-170/00, Ġabra p. II-515, punt 56); tal-10 ta' April 2003, Travelex Global and Financial Services u Interpayment Services vs Il-Kummissjoni (T-195/00, Ġabra p. II-1677, punt 161); tat-2 ta' Lulju 2003, Hameico Stuttgart *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-99/98, Ġabra p. II-2195, punt 60), u tal-10 ta' Frar 2004, Afrikanische Frucht-Compagnie vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-64/01 u T-65/01, Ġabra p. II-521, punti 150 u 151).

63 — Ara *infra*, punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

ta' talba għal-deċiżjoni preliminari għall-evalwazzjoni tal-validità jew ta' talba għal ħlas ta' kumpens ibbażata fuq ir-responsabbiltà mhumiex disponibbli. Fin-nuqqas ta' użu tal-prinċipju ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità, anki dawk li sofrew, minħabba din l-illegalità, ħsara partikolarment gravi jiġu mċaħħda minn kull protezzjoni legali. Fuq l-istess linji, għandu jiġi osservat li l-użu mill-Conseil d'État Franċiż ta' responsabbiltà assoluta minħabba l-liġijiet huwa ħafna drabi ppreżentat bħala kumpens għall-impossibbiltà li l-qorti amministrattiva tagħti rimedju, permezz tal-istħarriġ tal-kostituzzjonalità, fil-liġi.

59. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni ta' prinċipju ta' responsabbiltà assoluta sservi wkoll il-ħtiġiet ta' amministrazzjoni tajba. Din iġġiegħel lis-setgħa politika, meta jkollha l-intenzjoni li żżomm liġi Komunitarja li ġiet iddikjarata inkompatibbli mar-regoli tad-WTO minkejja l-iskadenza tat-terminu ta' żmien raġonevoli mogħti mid-deċiżjoni tad-DSB sabiex tikkonforma ruħha, li tevalwa aħjar l-ispejjeż li jistgħu jirriżultaw fil-konfront taċ-ċittadini tal-Unjoni u li tibbilanċja dawn l-ispejjeż mal-vantaġġi għas-settur jew setturi ekonomiċi involuti biż-żamma tal-liġi Komunitarja. Ma jkunx hemm tnaqqis tas-setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet fil-kuntest tad-WTO iżda garanzija ta' eżerċizzju responsabbli tal-imsemmija setgħa diskrezzjonali.

60. Fl-aħħar, ir-rikonoxximent ta' prinċipju ta' responsabbiltà assoluta jwassal sabiex jitħalla f'idejn is-sistema legali Komunitarja l-kontroll tat-tqassim intern tal-konsegwenzi tal-libertà ta' aġir tal-istituzzjonijiet fil-kuntest tad-WTO. Ma jkunux iktar l-imsieħba kummerċjali li jagħżlu b'mod diskrezzjonali, bl-adozzjoni ta' miżuri ta' ritaljazzjoni, fuq liema kategorija ta' operaturi ekonomiċi Komunitarji għandhom imorru l-ispejjeż tal-libertà msemmija, iżda tkun il-Komunità li tiddeċiedi jekk il-piż għandux jinġarr biss mill-impriżi milquta mill-miżuri ta' ritaljazzjoni jew jekk għandux jinqasam bejn is-soċjetà kollha.

61. Għar-raġunijiet li għadni kif semmejt, jidhirli li l-kawżi inkwistjoni joffru l-okkażjoni, jew aħjar jidhirli li jimponu li nżid pass ieħor mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan huwa, bl-użu ta' prinċipju ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità, li l-ġurisprudenza msemmija tgħaddi mill-istadju tal-eventwali għal dak tal-istabbilit, miż-żmien tal-inċertezzi għal dak tas-soluzzjonijiet [64].

62. L-użu ta' prinċipju ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità jista' jiġi ispirat mill-idea ta' ugwaljanza taċ-ċittadini fil-konfront tal-obbligi pubbliċi li fuqha l-liġi amministrattiva Franċiża bbażat ir-responsabbiltà minħabba l-liġijiet. Ir-raġunament jista' jiġi spjegat fil-qosor b'dan il-mod: peress li kull attività pubblika hija meqjusa

64 — Biex nuża fraži mislufa minn F. Picod, u L. Coutron, *"La responsabilité de la Communauté européenne du fait de son activité administrative"*, f'J.-B. Auby u J. Dutheil de la Rochère, *Droit administratif européen*, Bruylant 2007, p. 171, ara b'mod speċjali p. 204 sa 208.

li tibbenefika l-kollettività kollha, huwa normali li ċ-ċittadini għandhom ibatu mingħajr kumpens l-ispejjeż li jirriżultaw minnha; iżda jekk, fl-interess ġenerali, is-setgħat pubbliċi jagħmlu ħsara partikolarment kbira lil ċerti individwi li jbatuha huma biss, minn dan jirriżulta obbligu, li normalment ma jkollhomx, u li għandu jagħti lok għal kumpens; dan il-kumpens li jiġi bagħtut mill-kollettività permezz tal-ħlas tat-taxxa jerġa jġib l-ugwaljanza li kienet intilfet.

63. Din l-idea mhix 'il bogħod ħafna mis-"Sonderopfertheorie" tal-liġi Ġermaniża, li tgħid li l-individwi li, minħabba att pubbliku legali, jbatu "sagrifiċċju speċjali", jiġifieri ħsara ekwivalenti għal esproprjazzjoni, għandhom jingħataw rimedju. Ippreżentata b'dan il-mod, ir-responsabbiltà assoluta tal-Komunità tista' wkoll tiġi bbażata fuq il-liġi tal-proprjetà li, b'mod konformi mat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, hija protetta fis-sistema legali Komunitarja bħala prinċipju ġenerali tal-liġi. Responsabbiltà ta' dan it-tip tagħti l-idea li ma jistax ikun hemm ħsara ekwivalenti għal esproprjazzjoni li tirriżulta minn att, anki legali, tas-setgħa leġiżlattiva Komunitarja mingħajr il-ħlas ta' kumpens [65].

65 — Ara għal tali intuwizzjoni, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sir Gordon Slynn fil-kawża Biovilac vs Il-KEE, iċċitata iktar 'il fuq, ara b'mod speċjali p. 4091. Wara kollox, din l-idea tinstab, f'mod jew ieħor, fil-maġġorparti tas-sistemi legali (ara M. L. Amaral, *Responsabilidade do Estado e dever de indemnizar do legislador*, Coimbra Editora, 1998, p. 474 'il quddiem).

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà assoluta tal-Komunità

64. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' tali prinċipju ta' responsabbiltà assoluta, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, tilmenta li wara li rrikonoxxiet li għandha kompetenza biss "f'oqsma speċifiċi" [66], il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ħasbitx li kellha tippreċiża liema kienu dawn l-oqsma. Iżda dan ma kienx neċessarju sabiex tingħata soluzzjoni għal-kawżi inkwistjoni. Kien bizzejjed li l-Qorti tal-Prim'Istanza tiżgura li r-responsabbiltà assoluta setgħet tiġi applikata għall-kawżi msemmija, kif irrikonoxxiet b'mod impliċitu, peress li vverifikat l-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni. Iżda huwa dwar dan li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kunsill jilmentaw. Għalhekk, f'dan ir-rigward għandhom isiru s-segwenti osservazzjonijiet.

65. Fl-ewwel lok, kuntrarjament għall-preżentazzjoni li jagħmlu l-Kummissjoni kif ukoll il-Kunsill, mhuwiex il-prinċipju ta' responsabbiltà minħabba att legali li l-Qorti tal-Prim'Istanza użat, ġustament fl-opinjoni tiegħi, fis-sentenzi appellati. Dan kien iktar il-prinċipju ta' responsabbiltà oġġettiva, anki mingħajr ħtija. Fi kliem ieħor, ikun hemm responsabbiltà anke indipendentement mill-ħtieġa li l-ħsara tkun ibbażata fuq ħtija, liema ħtija għandha tiġi ppruvata mill-appellanti. Din tista' wkoll tkopri każijiet ta' atti illegali iżda li ma jkunux jikkostitwixxu ksur ikkaratterizzat biżżejjed.

66 — Sentenzi Fiamm (punt 159), u Fedon (punt 152).

66. Fit-tieni lok, b'mod differenti mill-Kunsill, ma narax għalfejn din is-sistema ta' responsabbiltà oġġettiva ma tistax tapplika wkoll f'każijiet ta' ommissjoni leġiżlattiva. Il-paragun magħmul mill-Kunsill mannuqqas imsemmi fl-Artikolu 232 KE mhuwiex rilevanti fir-rigward ta' responsabbiltà assoluta. F'kull każ, fil-kawżi preżenti mhuwiex in-nuqqas ta' azzjoni leġiżlattiva li huwa inkwistjoni. Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni adottaw, fit-terminu ta' żmien raġonevoli mogħti, diversi inizjattivi (adattament tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana, negozjati), u dan ġie enfasizzati mill-Kunsill stess fl-osservazzjonijiet tiegħu, iżda dawn l-inizjattivi rriżultaw li ma kinux xierqa sabiex jiżguraw eżekuzzjoni korretta tad-deċiżjoni tad-DSB.

67. Fit-tielet lok, mhemm l-ebda raġuni valida sabiex, kif issostni l-Kummissjoni, ir-responsabbiltà assoluta tal-Komunità tiġi limitata biss għall-każijiet fejn ikun att mhux leġiżlattiv li joħloq il-ħsara. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE jimponi l-obbligu fuq il-Komunità li tagħmel tajjeb għal kull "dannu kkaġunat mill-istituzzjonijiet tagħha", mingħajr ma jagħmel distinzjoni bejn in-natura amministrattiva jew leġiżlattiva tal-attività tagħhom. Barra minn hekk, ħsara partikolarment kbira tista', fl-interess ġenerali, tiġi imposta fil-konfront ta' ċerti operaturi kemm mis-setgħa leġiżlattiva kif ukoll mis-setgħa eżekuttiva. Wara kollox, f'din il-kawża, l-adozzjoni meqjusa bħala insuffiċjenti tas-sistema Komunitarja għall-importazzjoni tal-banana kienet ir-riżultat kemm ta' Regolament bażi tal-Kunsill kif ukoll ta' Regolament ta' eżekuzzjoni tal-Kummissjoni. Fl-aħħar u b'mod sussidjarju, jidhirli li limitazzjoni simili mhijiex xierqa fid-dawl tad-distinzjoni insuffiċjenti bejn l-atti leġiżlattivi u tal-atti amministrattivi fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju. Fl-aħħar, hija biss ħsara li seħħet bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni leġiżlattiva prinċipali li ma tistax tagħti lok għal rimedju [67].

68. Fl-aħħar lok, fil-kuntest partikolari tar-rispett tal-Ftehim WTO li huwa dak tal-kawżi inkwistjoni, huma biss iċ-ċittadini tal-Unjoni li jistgħu jinvokaw din is-sistema ta' responsabbiltà assoluta biex jitolbu rimedju għal ħsara partikolarment kbira kkaġunata lilhom, fl-interess ġenerali, mill-istituzzjonijiet Komunitarji. Fil-fatt, la huwa mistenni mis-setgħa politika u lanqas mhuwa possibbli għaliha li, għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-libertà ta' aġir tagħha fil-kuntest tad-WTO, tieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-ispejjeż li l-operaturi ta' pajjiżi terzi sofrew minħabba l-għażliet li saru. Għalhekk, fil-kuntest tal-kompetenzi Komunitarji eżerċitati mill-istituzzjonijiet fil-qasam tal-politika kummerċjali esterna, l-idea ta' ksur tal-ugwaljanza minħabba l-obbligi pubbliċi tista' tiġi applikata biss bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni. Għaldaqstant, ma jistax jiġi argumentat b'mod validu, bħal ma jagħmel il-Kunsill, li r-rikonoxximent ta' responsabbiltà assoluta fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-liġi tad-WTO jikser il-prinċipju ta' reċiproċità, peress li l-imsieħba kummerċjali prinċipali tal-Komunità mhumiex esposti għal tali responsabbiltà.

69. Evalwata, ibbażata u delimitata b'dan il-mod, il-funzjoni prinċipali tar-responsabbiltà assoluta tal-Komunità tidher ċara. Dan bl-ebda mod ma jfisser li l-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom l-obbligu li

67 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Jannar 1998, Dubois et Fils vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-113/96, Ġabra p. II-125, punti 40 sa 48).

jikkonformaw ruħhom mar-regoli tad-WTO billi jillimitaw il-libertà politika tagħhom. Il-kwistjoni hija biss li jiġi ggarantit li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-għażliet politiċi li saru ma jaffettwawx l-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-konfront tal-obbligi pubbliċi.

70. Ir-riżervi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kontra l-użu ta' prinċipju ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità jistgħu jinftehmu. Bl-effett tal-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' responsabbiltà ġeneruż wisq, m'għandux jiġi impost riskju fuq l-eżerċizzju tal-attività leġiżlattiva u amministrattiva li jkun ta' natura tali li jwaqqaf l-eżerċizzju stess ta' din l-attività. Iżda għalkemm dan it-tħassib huwa leġittimu, ma jistax jostakola r-rikonoxximent ta' prinċipju ta' responsabbiltà assoluta tal-Komunità. It-teħid in-kunsiderazzjoni kif ukoll l-ibbilanċjar tiegħu max-xewqa li jkun hemm tqassim ibbilanċjat tal-obbligi pubbliċi għandhom jiġu riflessi fil-portata mogħtija u fil-kundizzjonijiet meħtieġa għal din ir-responsabbiltà.

3. Il-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà assoluta tal-Komunità

71. Qabel kollox, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkontestaw il-validità tal-evalwazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward tas-sodisfazzjon tal-kundizzjonijiet neċessarji għal kull mekkaniżmu ta' responsabbiltà, li għalhekk mhumiex speċifiċi għas-sistema ta' responsabbiltà assoluta. Dawn jallegaw interpretazzjoni ħażina tal-kunċett ta' ħsara reali u ċerta u tar-regoli li jirrigwardaw l-oneru tal-prova. Iżda l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha raġun meta osservat li l-konvenuti f'dik il-kawża ma kinux qed jikkontestaw ir-realtà tal-ħsara kummerċjali sofruta mir-rikorrenti minħabba l-inflazzjoni tal-prodotti tagħhom ikkaġunata mid-dazju addizzjonali iżda li ir-rikorrenti kienu qed jilmentaw fil-konfront tagħhom talli ma kinux kapaċi jirrimedjaw għal dan permezz ta' miżuri adegwati. Sabiex tikkunsidra r-realtà tal-ħsara li saret, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq l-istatistiċi ppreżentati mill-Kummissjoni li juru tnaqqis fil-volum totali ta' importazzjonijiet ta' akkumulaturi u ta' kaxxi għan-nuċċalijiet fl-Istati Uniti matul il-perijodu ta' applikazzjoni tat-taxxa addizzjonali msemmija [68].

72. L-appellati jilmentaw ukoll, b'mod iktar serju, li l-Qorti tal-Prim'Istanza injorat il-ħtieġa li tgħid li l-ħsara għandha tirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir tal-istituzzjoni kkonċernata [69]. Fil-fatt, ma teżisti l-ebda sistema awtomatika bejn in-nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-Komunità tad-deċiżjoni ta' kundanna tad-DSB u l-impożizzjoni tad-dazju addizzjonali, peress li l-aġir diskrezzjonali tal-awtoritajiet Amerikani kiser in-ness ta' kawża u effett bejn l-aġir tal-istituzzjonijiet Komunitarji u l-ħsara invokata. Minn naħa, dawn irrifjutaw il-kumpensi li kienu ġew offruti lihom mill-Komunità abbażi tal-Artikolu 22(1) u (2) tad-DSU. Min-naħa l-oħra, dawn għażlu minn jeddhom li jitolbu lid-DSB jawtorizza l-adozzjoni ta' miżuri ta' ritaljazzjoni, li jużaw l-awtorizzazzjoni li ngħataw u, minn dan il-lat, stabbilixxew b'mod diskrezzjonali l-lista ta' prodotti milquta u l-ammont tad-dazji. Huwa

68 — Ara s-sentenzi Fiamm (punti 166 sa 170), u Fedon (punti 159 sa 162).

69 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 1979, Dumortier *et* vs Il-Kunsill (64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, Ġabra p. 3091, punt 21). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Ottubru 2000, Fresh Marine vs Il-Kummissjoni (T-178/98, Ġabra p. II-3331, punt 118).

minnu li l-Istati Uniti ma kienu bl-ebda mod marbuta li jirreaġixxu bil-mod kif għamlu għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-Komunità tad-deċiżjoni tad-DSB fit-terminu ta' żmien raġonevoli mogħti. Madankollu xorta jibqa' l-fatt li r-reazzjoni tal-awtoritajiet Amerikani tikkostitwixxi waħda mill-għażliet mogħtija mid-DSU f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jew ta' rakkomandazzjoni tad-DSB, u għalhekk kienet prevedibbli. Kif osservat sewwa il-Qorti tal-Prim'Istanza, "it-tneħħija tal-konċessjonijiet fir-rigward tal-Komunità permezz ta' dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni għandha titqies bħala konsegwenza li tirriżulta oġġettivament, skont l-iżvolġiment normali u prevedibbli tas-sistema għas-soluzzjoni tal-kontroversji tad-WTO aċċettata mill-Komunità, miż-żamma fis-seħħ min-naħa tal-istituzzjonijiet konvenuti tas-sistema ta' importazzjoni tal-banana inkompatibbli mal-Ftehim WTO" [70]. Għalhekk, minflok ma kisru n-ness ta' kawżalità bejn l-aġir tal-Komunità u l-ħsara allegata, l-inizjattivi meħuda mill-awtoritajiet Amerikani jidhru pjuttost bħala ħoloq mill-katina msemmija. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet iġġustifikata meta kkunsidrat li l-aġir tal-Komunità kien il-"kawża deċiżiva" [71] tal-ħsara sofruta mir-rikorrenti f'dak il-każ.

73. Niġu issa għall-kundizzjonijiet speċifiċi għas-sistema ta' responsabbiltà assoluta. Skont l-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza aċċettat u applikat kunċett żbaljat ta' ħsara anormali. Min-naħa l-oħra, l-appellati, filwaqt li jaqblu mal-kunċett ta' ħsara anormali żviluppat mill-Qorti tal-Prim'Istanza, iqisu bħala insuffiċjenti l-kundizzjonijiet għall-attribuzzjoni tar-responsabbiltà assoluta li semmiet u għalhekk jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkompleta l-motivi tas-sentenzi appellati billi żżid magħhom ħtieġa supplimentari li tirrigwarda n-nuqqas ta' interess għal kollox ġenerali segwit mill-aġir tal-istituzzjonijiet li ħoloq il-ħsara.

74. L-evalwazzjoni tal-mertu rispettiv ta' dawn l-allegazzjonijiet differenti teħtieġ li jiġi ppreċiżat li dawn għandhom ikunu l-kundizzjonijiet li għandha tkun suġġetta għalihom ir-responsabbiltà assoluta tal-Komunità. Fl-opinjoni tiegħi, dawn għandhom jiġu dettati mill-pedamenti stess li fuqhom hija bbażata din is-sistema ta' responsabbiltà. Kif ippruvajt nuri, il-prinċipju ta' responsabbiltà assoluta jista' jkun fl-istess ħin ibbażat fuq l-idea ta' ksur tal-ugwaljanza taċ-ċittadini minħabba l-obbligi pubbliċi u fuq il-protezzjoni dovuta lid-dritt fundamentali ta' proprjetà. Għaldaqstant, l-unika ħsara li għaliha r-responsabbiltà assoluta tagħti dritt għal rimedju hija dik li jkollha karattru anormali u speċjali fl-istess ħin.

75. Fil-fatt, hekk kif jibbenefikaw mill-vantaġġi derivanti minn dan, l-individwi kollha għandhom ibatu mingħajr kumpens l-inkonvenjenti ordinarji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tal-ħajja fis-soċjetà u mill-atti tas-setgħat pubbliċi għal dan l-iskop. Dawn huma tipi ta' obbligi pubbliċi li normalment għandhom jitqiesu bħala li huma responsabbiltà normali tal-persuni kkonċernati. Anki jekk dawn l-obbligi mhumiex ta' piż uniformi fuq iċ-ċittadini kollha, il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li terġa tistabbilixxi ugwaljanza perfetta. Inkella dan ikun ifisser li hija tingħata inkarigu sproporzjonat u mhux xieraq. Għalhekk, anki jekk asimmettriċi, l-obbligi pubbliċi għandhom, bħala prinċipju, normalment jitqiesu li huma responsabbiltà normali tal-persuni u li konsegwentament

70 — Sentenzi Fiamm (punt 183) u Fedon (punt 177).

71 — Sentenzi Fiamm (punt 185) u Fedon (punt 179).

ma jagħtux dritt għal rimedju. Madankollu, dan kollu ma jgħoddx fil-każ fejn l-att pubbliku joħloq ħsara anormali u speċjali.

76. Ħsara għandha tiġi kkwalifikata bħala anormali meta din tkun tidher hekk minħabba, fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet li seħħet fihom u l-karatteristiċi intrinsiċi tagħha. Qabel kollox, il-ħsara anormali hija dik li taqbeż il-limiti ta' riskji ekonomiċi inerenti fl-attivitajiet fis-settur ikkonċernat, jiġifieri li jirriżultaw mir-realizzazzjoni ta' riskju li l-vittma ma setgħetx raġonevolment tipprevedi, u li kontra tiegħu ma setgħetx tiżgura ruħha. Iżda dan mhuwiex bizzejjed. Hemm bżonn ukoll li din ikollha karattru gravi. Inkella l-obbligu ma jistax jitqies bħala anormali; inkella l-ħsara ma tkunx tista' tammonta għal esproprjazzjoni li għandha tiġi rimedjata skont il-protezzjoni dovuta għad-dritt ta' proprjetà. Dan ma jfissirx li l-ħsara għandha tkun ekwivalenti għal ċaħda totali u definittiva tal-proprjetà. Madankollu, din għandha tinvolvi ksur suffiċjentement gravi tal-elementi tad-dritt ta' proprjetà (*usus, fructus et abusus*). Għandu jiġi enfasizzat, li l-kwistjoni dwar jekk il-ksur tad-dritt ta' proprjetà huwiex legali jew inkella illegali hija irrilevanti meta l-kuntest ikun wieħed ta' responsabbiltà li mhijiex ibbażata fuq it-tort.

77. Min-naħa l-oħra, f'sistema ta' responsabbiltà bbażata fuq l-ugwaljanza quddiem l-obbligi pubbliċi, anki jekk il-ħsara tista' tiġi kkwalifikata bħala anormali fis-sens li għadni kif iddefinixxejt, ma jistax ikun hemm dritt għal rimedju jekk din ma jkollhiex ukoll karattru speċjali. Dan ikun biss il-każ jekk din taffettwa biss numru żgħir ta' individwi jew, iktar preċiżament, jekk taffettwa kategorija partikolari ta' operaturi ekonomiċi b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-operaturi l-oħra. Fil-fatt, huwa biss f'dan il-każ li tinkiser l-ugwaljanza quddiem l-obbligi pubbliċi.

78. Esposti u ddefiniti b'dan il-mod, il-kundizzjonijiet ta' anormalità u ta' speċjalità tal-ħsara huma suffiċjentement restrittivi sabiex, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-applikabbilità ta' din is-sistema ta' responsabbiltà assoluta fil-kawżi inkwistjoni ma taffettwax il-libertà politika li l-istituzzjonijiet għandhom fil-kuntest tad-WTO, li wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi favur il-prinċipju ta' non-invokabbiltà tar-regoli tad-WTO. In-numru ta' vittmi f'pożizzjoni li jilmentaw minn ħsara li tissodisfa dawn l-eżiġenzi ikun, f'kull każ, dejjem limitat ħafna, u għalhekk il-piż li eventwali ħlas ta' kumpens jista' jkollu fuq il-baġit tal-Unjoni qatt ma jkun ta' natura tali li jillimita l-aġir tal-organi politiċi Komunitarji fil-kuntest tad-WTO.

79. L-attribuzzjoni tar-responsabbiltà assoluta tal-Komunità għandha tkun suġġetta għall-osservanza ta' kundizzjoni supplementari marbuta man-nuqqas ta' interess ekonomiku ġenerali li kien persegwit mill-att jew mill-aġir li ħoloq il-ħsara? Huwa dan li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni jeħtieġu u jilmentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma għamlitx fis-sentenzi appellati. Għal dan il-għan, huma setgħu effettivament jibbażaw ruħhom fuq xi deċiżjonijiet tal-Qorti Komunitarja li, filwaqt li jitilqu mil-linja ġurisprudenzjali ġenerali, żiedu din l-eżiġenza [72]. Fi kliem ieħor, jekk l-att jew

72 — Ara s-sentenza Compagnie d'approvisionnement, de transport et de crédit u Grands Moulins de Paris vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 45 u 46); sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza iċċitati iktar 'il fuq, Förde-Reederei vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (punt 56), u Afrikanische Frucht-Compagnie vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (punt 151).

l-aġir li ħoloq il-ħsara ġie adottat fl-interess tal-kollettività kollha u mhux bil-għan li jiġu ffavoriti xi interessi, kull rimedju jkun esklużż. Fl-opinjoni tiegħi, mhemmx lok li din il-kundizzjoni supplimentari meħtieġa minn orjentazzjoni ġurisprudenzjali minoritarja tinżamm. Ma jidhirlix li hija xierqa għaliex l-ugwaljanza quddiem l-obbligi pubbliċi u l-protezzjoni dovuta għad-dritt ta' proprjetà jeħtieġu li l-operaturi li sofrew ħsara anormali u speċjali jingħataw kumpens, anki jekk il-miżura li ħolqot il-ħsara msemmija hija ġġustifikata minn interess ekonomiku ġenerali. Lanqas ma jidhirli li hija neċessarja, peress li l-kundizzjonijiet ta' anormalità u ta' speċjalità tal-ħsara huma suffiċjentement restrittivi sabiex il-biżà ta' eventwali responsabbiltà ma taffettwax il-libertà ta' azzjoni tal-politika fil-persegwiment ta' interess ekonomiku ġenerali.

80. Għalhekk, il-kundizzjonijiet li għadhom kif ġew ippreċiżati huma dawk li l-ġurisprudenza maġġoritarja, filwaqt li rriżervat l-użu tar-responsabbiltà assoluta tal-Komunità, semmiet u ddefiniet bħala li għandhom jeżistu f'kull każ. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja issuġġettat espressament ir-responsabbiltà assoluta tal-Komunità għar-realizzazzjoni ta' ħsara anormali u speċjali [73]. Hija ċaħdet ukoll l-eżistenza ta' responsabbiltà assoluta għaliex il-ħsara invokata kienet biss ir-riżultat ta' riskju kummerċjali normali li ġie sofrut mill-operatur ekonomiku fis-settur ikkonċernat [74] jew għaliex il-ħsara allegata ma kinitx taqbeż "il-limiti tar-riskji ekonomiċi inerenti fl-attivitajiet tas-settur ikkonċernat" [75]. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenzi appellati, issuġġettat ir-responsabbiltà assoluta tal-Komunità għall-ħtieġa ta' ħsara anormali u speċjali li hija ddefinixxiet b'dan il-mod: "dannu, minn naħa, ikun barra min-normal meta jaqbeż il-limiti tar-riskji ekonomiċi inerenti fl-attivitajiet tas-settur konċernat u, min-naħa l-oħra, ikun speċjali meta jolqot kategorija partikolari ta' operaturi ekonomiċi b'mod sproporzjonat meta mqabbla ma' operaturi oħra" [76]. Billi ddeċidiet b'dan il-mod, hija baqgħet konformi mal-ġurisprudenza kostanti li hija żviluppat [77].

81. Iżda FIAMM u FEDON la jikkontestaw il-ħtieġa ta' anormalità u ta' speċjalità tal-ħsara u lanqas id-definizzjoni tagħhom mogħtija fis-sentenzi appellati. Huma jinvokaw it-tifsira ġuridika żbaljata tad-definizzjoni tal-ħsara anormali li l-Qorti tal-Prim'Istanza adottat u applikat. Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-ħsara sofruta mill-appellanti ma kinitx qabżet il-limiti tar-riskji ekonomiċi inerenti għall-attività ta' esportazzjoni tagħhom, filwaqt li l-eventwalità ta' miżuri ta' ritaljazzjoni, peress li hija prevista mid-DSU, ma tistax titqies bħala li ma tagħmilx parti mir-riskji normali tal-kummerċ internazzjonali fl-istat attwali tal-organizzazzjoni tiegħu, għalkemm il-konsegwenzi ta' ħsara li jistgħu jirriżultaw minnhom għandhom b'mod obbligatorju jiġu sofruti minn kull operatur li jiddeċiedi li jikkummerċjalizza l-prodotti tiegħu fis-suq ta' wieħed mill-membri tad-WTO.

73 — Ara s-sentenza Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 18 u 53).

74 — Ara s-sentenza Développement u Clemessy vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33).

75 — Sentenza Biovilac vs Il-KEE, iċċitata iktar 'il fuq (punti 28 u 29).

76 — Sentenzi Fiamm (punt 202) u Fedon (punt 191).

77 — Ara wkoll, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, iċċitata iktar 'il fuq, Afrikanische Frucht-Compagnie vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (punti 150 u 151); ara wkoll, Galileo International Technology *et* vs Il-Kummissjoni (punti 147 u 148).

Fi kliem ieħor, għaliex huma previsti legalment mill-att li jirregola l-kummerċ internazzjonali, il-miżuri ta' ritaljazzjoni huma neċessarjament prevedibbli minn kull impriża li tesporta. Dan huwa riskju inerenti għal kull attività li tesporta.

82. Meta ddeċidiet b'dan il-mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza, kif jallegaw bir-raġun l-appellanti, injorat il-fatt li l-anormalità tal-ħsara hija mkejla abbażi tar-riskji ekonomiċi inerenti għall-attivitajiet fis-settur ikkonċernat, jiġifieri li l-ħsara jkollha karattru anormali [78], meta ma tkunx tidher bħala r-realizzazzjoni ta' riskju inerenti għall-attivitajiet fis-settur ikkonċernat. Dan huwa l-każ fin-nuqqas ta' kull ness bejn l-att jew l-aġir li joħloq il-ħsara u s-settur ekonomiku li taħtu taqa' l-attività tal-impriżi vittmi tal-ħsara msemmija. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' tali ness, il-ħsara ma tistax tiġi kkunsidrata bħala r-realizzazzjoni ta' riskju kummerċjali normali li kontra tiegħu operatur prudenti setgħa u kellu jiżgura ruħu. Huwa f'dan is-sens li hija orjentata l-ġurisprudenza. Għalhekk, ġew ikkunsidrati bħala normali: il-ħsara sofruta minn kumpannija ta' trasport marittimu wara l-modifika tas-sistema tranżitorja ta' eżenzjoni fiskali tal-prodotti suġġetti għas-sisa u mibjugħa fuq il-vapuri waqt it-tbaħħir bejn l-Istati Membri [79]; il-ħsara sofruta minn produttur ta' għalf bażi għall-ħnieżer żgħar u għat-tjur magħmul mix-xorrox, wara d-dħul fis-seħħ ta' xi regolamenti Komunitarji dwar il-bejgħ ta' trab tal-ħalib intiż għall-għalf għall-ħnieżer u t-tjur [80].

78 — Jekk barra minn hekk ikollha wkoll gravità suffiċjenti.

79 — Ara s-sentenza Förde-Reederei vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 58 sa 60).

80 — Ara s-sentenza Biovilac vs Il-KEE, iċċitata iktar 'il fuq (punti 27 sa 30).

83. F'din il-kawża, ma jeżisti l-ebda ness bejn l-adozzjoni u ż-żamma tal-leġiżlazzjoni li tirrigwarda s-sistema ta' importazzjoni Komunitarja tal-banana u l-ħsara li l-esportaturi Komunitarji ta' kaxxi għan-nuċċalijiet u ta' akkumulaturi industrijali sofrew bħala riżultat tal-miżuri ta' ritaljazzjoni. Għalhekk, din il-ħsara ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala normali għal dawn l-operaturi, peress li skont l-Artikolu 22(3) tad-DSU, il-miżuri ta' ritaljazzjoni għandhom bħala prijorità jirrigwardaw l-istess settur bħal dak li fih ġie kkonstatat il-ksur tal-liġi tad-WTO. Għal dan il-għan, is-sentenzi appellati għandhom jiġu annullati bħala vvizjati minn żball ta' liġi. Hija l-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li tkun talbet l-informazzjoni neċessarja mingħand l-appellanti, li għandha tevalwa jekk il-ħsara invokata tippreżentax ukoll karattru anormali sa fejn din tikkostitwixxi ksur suffiċjentement gravi tal-elementi tad-dritt ta' proprjetà u li tiddeċiedi fuq il-karattru speċjali tal-ħsara msemmija.

## C — *It-tul ta' żmien mhux raġonevoli tal-proċedura*

84. Fl-aħħar, l-appellanti jitolbu l-għoti ta' kumpens xieraq fir-rigward tad-dewmien mhux raġonevoli tal-proċedura fl-ewwel istanza. It-talba ta' FEDON tista' faċilment tiġi miċħuda bħala inammissibbli, abbażi tal-Artikolu 112(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li hija nieqsa minn kull motivazzjoni.

85. Jifdal it-talba ta' FIAMM li, filwaqt li tosserva li l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet ħames snin u disa' xhur sabiex tieħu deċiżjoni fil-kawża tagħha, tallega ksur tad-dritt għal smiegħ f'terminu ta' żmien raġonevoli, li jifforma parti mid-dritt għal smiegħ xieraq stabbilit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ggarantit mis-sistema legali Komunitarja bħala prinċipju ġenerali tal-liġi. Għal dan il-għan, l-appellanti tinvoka in sostenn is-sentenza Baustahlgewebe [81], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja irrikonoxxiet l-applikabbiltà tad-dritt imsemmi fil-każijiet quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u, bħala konsegwenza, aċċettat li fl-istadju tal-appell tisma' aggravju li jirrigwarda l-irregolarità tal-proċedura segwita quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza minħabba d-dewmien allegatament irraġonevoli tagħha. Hija tqis id-dewmien tas-sentenza bħala eċċessiv, fid-dawl taċ-ċarezza tal-kwistjonijiet ta' fatt, taċ-ċirkostanza li l-aġir tal-ebda waħda millpartijiet ma kien ikkontribwixxa sabiex titwal il-proċedura u minħabba l-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx esposta għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Minn din l-irregolarità ta' proċedura rriżulta dannu għallinteressi tagħha, sa fejn, minħabba d-dejn li għamlet sabiex teħles mit-taxxi doganali addizzjonali, hija tinsab imdejna ħafna u mġiegħla li tinnegozja ċ-ċessjoni ta' sehem maġġoritarju li hija għandha fil-kapital ta' fond ta' investiment bħala skambju għall-ħlas tad-dejn magħmul mal-banek.

86. Bħala difiża, il-Kummissjoni min-naħa tagħha teċepixxi, fl-ewwel lok, l-inammissibbiltà tal-aggravju u, għal dan il-għan, tosserva b'mod partikolari li l-allegata irregolarità fil-proċedura ma kellha l-ebda effett fuq is-soluzzjoni tal-kawża. Iżda l-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jeħtieġx li l-irregolarità proċedurali quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza jkollha tali portata sabiex tkun tistà titqajjem, dan jeħtieġ sempliċement li din tkun "tagħmel ħsara lill-interessi tal-appellant". Dan jidher li huwa proprju l-każ, peress li t-tul tad-dewmien tas-sentenza kkontribwixxa sabiex ikabbar il-piż tad-dejn tal-appellanti. U għalkemm, fir-rigward tal-irregolarità tal-proċedura ibbażata fuq id-dewmien eċċessiv tas-sentenza mill-Qorti tal-Prim'Istanza, il-kundizzjoni ta' dannu għall-interessi tal-appellanti ġieli ġiet interpretata bħala li teħtieġ li l-irregolarità msemmija kellha effett fuq is-soluzzjoni tal-kawża, dan kien f'kull każ biss sa fejn l-aggravju ibbażat fuq l-irregolarità msemmija kien invokat in sostenn ta' talbiet għall-finijiet ta' annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza [82]. F'dan il-każ, dan il-aggravju huwa invokat biss għall-finijiet li jinkiseb kumpens xieraq.

87. Min-naħa l-oħra, it-talbiet intiżi għallksib ta' kumpens xieraq għandhom jiġu evalwati bħala t-talba għar-rimedju tal-ħsara li nħolqot mid-dewmien irraġonevoli tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Barra minn hekk, kellha tiġi kkunsidrata bħala talba għal kumpens anke t-talba li l-appellanti fil-kawża Baustahlgewebe għamlu sabiex jiksbu t-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni u kkonfermata mill-Qorti tal-Prim'Istanza, liema talba kienet ibbażata fuq it-tul ta' żmien irraġonevoli li l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet sabiex tagħti deċiżjoni [83]. U għalkemm "għal raġunijiet ta' ekonomija tal-proċedura

81 — Sentenza tas-17 ta' Diċembru 1998 (C-185/95 P, Ġabra p. I-8417).

82 — Ara s-sentenza Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 49); digriet tat-13 ta' Diċembru 2000, SGA vs Il-Kummissjoni (C-39/00 P, Ġabra p. I-11201, punt 46).

83 — Ara l-evalwazzjoni tal-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 46 sa 76).

u sabiex jiġi ggarantit rimedju immedjat u effettiv kontra tali irregolarità proċedurali" [84] [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Qorti tal-Ġustizzja xorta waħda laqgħet it-talbiet tal-appellanti u aċċettat li tnaqqas mill-multa l-ammont tar-rimedju, biżżejjed jingħad li f'kull każ, tali loġika ta' kumpens mhix possibbli f'dan il-każ.

88. Għalhekk, it-talbiet intiżi għall-ksib ta' kumpens xieraq għandhom jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [85] fil-kuntest fil-kuntest ta' kawża għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali bbażata fuq l-Artikoli 235 KE u 288 KE li għandha tkun diretta kontra l-istituzzjoni jew l-istituzzjonijiet li l-aġir tagħhom ħoloq il-ħsara. Fil-fatt, hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "huwa fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja li, ladarba jkun hemm responsabbiltà tal-Komunità minħabba waħda mill-istituzzjonijiet tagħha, hija tkun irrappreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjonijiet fil-konfront ta' liema l-fatt li ħoloq il-ħsara huwa lmentat" [86] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Kif osservat sewwa il-Kummissjoni, din il-proċedura għandha bħala appellati l-Kunsill u l-Kummissjoni, filwaqt li d-dewmien eċċessiv tal-proċedura lmentat huwa imputabbli lill-Qorti tal-Prim'Istanza li tifforma parti mill-istituzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, kemm *ratione materiæ* kif ukoll *ratione personæ*, it-talba għal ħlas ta' kumpens xieraq għandha tiġi ddikjarata inammissibbli.

84 — Sentenza Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 48).

85 — Fuq il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u mhux tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tisma' tali azzjoni, jiena naqbel mal-argumenti mressqa mill-Avukat Ġenerali Léger (konklużjonijiet fil-kawża Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 66 sa 71).

86 — Ara s-sentenza Werhahn Hansamühle *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 7).

## III — Konklużjoni

89. Fid-dawl tal-motivi kollha li esponejt, jiena nissuggerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Diċembru 2005, FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-69/01) u FEDON & Figli *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-135/01) bħala vvizjati minn żball ta' liġi

li jikkonsisti f'interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' ħsara anormali u li terġa tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, u

— li tiddikjara bħala inammissibbli t-talbiet ta' Fabbrica italiana accumulatori motocarri Montecchio SpA (FIAMM), u Fabbrica italiana accumulatori motocarri Montecchio Technologies Inc. (FIAMM Technologies) kif ukoll ta' Giorgio Fedon & Figli SpA u Fedon America Inc. intiżi sabiex jingħataw kumpens ekwu għad-danni.